Ħarġa nru. 50 - Mejju 2011

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar




**Poster ta' Valletta F.C.**
b'xejn f'din l-edizzjoni ta' Sportiv



**Poster ta' Floriana F.C.**
rebbieħa tal-FA Trophy,
paġna 14




# WILLIAM CHETCUTI
## suċċess wara l-ieħor

» Aktar f'paġna 26

• BASKETBALL • ŻWIEMEL • FUTBOL • SPARAR
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAR-REGATTA
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • SNOOKER • MOTO GP
• FORMULA 1 • TIĠRIJET TAL-ĦAMIEM • WATERPOLO

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' EUROSPORT

www.volkswagen.com.mt

Really? Really.




**The unbelievable new Jetta. From €21,900.**

As astonishing as the new Jetta appears from the outside, it is on the inside. Not only is the space offered to all passengers unusually generous, but also the loading capacity of 510 litres is more than efficient. Naturally, as luxurious as the spacious offer, is also the equipment. The most spacious Jetta of all time, fulfils every wish. Book a test drive at Continental Cars Ltd. on 23476 315.




Join us on facebook **'VW - Malta'**

Das Auto.

Continental Cars Ltd, Princess Margaret Street, Msida, MSD1330 | Sales: 23476 315/6/7 | Mobile: 9943 3330 | E-Mail: vw@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Showroom, Mġarr Road, Għajnsielem, GSM9016 | Sales: 2155 6942 | Mobile: 99782000 | E-Mail: jcassar@mizzimotors.com.mt



## Mejju

Matul dan ix-xahar, il-magażin SPORTIV qed jippubblika l-50 edizzjoni tiegħu biex għal dawn l-aħħar xhur dejjem wassal il-messaġġ sportiv lid-dilettanti kollha (sportivi) f'Malta u f'Għawdex.

Filwaqt li dejjem ippreżentajna paġni mill-aktar informattivi u nteressanti, grazzi u prosit kbira għandha tmur lil dawk il-kumpaniji kummerċjali kolha li urew fiduċja f'dan il-magażin sportiv billi rreklamaw il-prodotti tagħhom.

Bla dubju, dawn huma l-pulmun ta' dan il-magażin li jżommuh "jieħu n-nifs" biex ikompli jaqdi l-irwol tiegħu b'mod mill-aktar sublimi.

B'sodisfazzjon kbir ngħid li dan il-magażin qed jikber fil-popolarità tiegħu u huwa mfittex saħansitra minn dawk li ma tantx isegwu l-isport.

L-edizzjoni ta' dan ix-xahar tiġbor fiha ċ-ċelebrazzjonijiet u d-diżappunti li jġibu magħhom ir-rebħ tat-titli kif ukoll ir-relegazzjonijiet tal-Kampjonat rispettivi.

SPORTIV jibqa' jaġġorna l-avvenimenti ta' dan ix-xahar ...

Jesmond Moore - Editur



# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ il-U*Bet FA Trophy?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz
sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2011:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 49 hija:*
**Valletta**
*u r-rebbieħa huma (1) Brooklyn Gauci - Mgarr*
*(2) Jean Paul Bonnici - Zabbar (3) Edera Griffiths - Valletta*




1




2




3






lighting



artificial turf



tracks



maintenance

# 240 Limited

SPORTS & OUTDOOR SOLUTIONS

@ 240, Zabbar Road, Fgura | **Tel:** 2367 6100
**Email:** info@240.com.mt | **Web:** www.240.com.mt





SPORTIV

Ħarġa nru 50
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikatur
Paul Falzon

Editur
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

Reklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

*Cover - William Chetcuti - champion tad-Dinja tad-Double Trap liema kompetizzjoni saret fiċ-Ċina*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **Analiżi**
Jinżel is-siparju...

6 **Kampjonat Premier**
Valletta jiċċelebraw...

10 **L-Ewwel Diviżjoni**
Balzan Y. jiċċelebraw...

11 **It-Tieni Diviżjoni**
Zejtun jirbħu d-Double

12 **It-Tielet Diviżjoni**
Gharghur Champions

14 **FA Trophy**
Furjana għad-19-il darba

18 **YFA**
Kampjonat ġdid U/13

20 **Malta Football Awards**
Okkażjoni Speċjali...

21 **Net Replay Awards**
Replay Gala Night

23 **Poster Mqabba F.C.**
Promossi fil-Kampjonat Premier

24 **Rugby**
Malta tirreġistra l-ewwel rebħa

26 **Sparar**
William Chetcuti jibqa' sod fil-mira

28 **Poster Milan F.C.**
Milan jiċċelebraw...

29 **Poster Manchester U.**
Man U. għad-19-il darba

30 **KMS**
Websajt ġdida għall-Kunsill Malti għall-iSport

37 **Tiġrijiet tal-Ħamiem**
Prosit liċ-champions

39 **Waterpolo**
Sliema Champions tax-Xitwa

40 **Gozo Sports**
Sannat Lions Champions

42 **Basketball**
Athleta u Floriana Champions

44 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Ġunju, xahar ta' finali fil-korsa tal-Marsa

46 **Snooker**
Alex Borg Champion ta' Malta

48 **Formula 1**
Vettel ikabbar il-vantaġġ

49 **Moto GP**
Stoner jirbaħ fi Franza u jitla' fit-tieni post

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Il-futbol Malti jitlef bosta plejers minħabba l-emigrazzjoni

53 **Exercise is health**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

54 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja

56 **Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

maltafootball.com

# Jinżel is-siparju ...



Iċ-champions Valletta



Floriana rebbieħa tal-FA Trophy

MISTO
cafe • restaurant • venue

minn Jesmond Moore




*Il-midfielder ta' Valletta, Roderick Briffa, jirċievi t-trofew mingħand il-Kap Eżekuttiv tal-IT fi ħdan il-BOV, is-Sur Victor Denaro*

# Briffa huwa l-BOV Plejer tax-Xahar għal April 2011

Il-midfielder internazzjonali Malti u ta' Valletta, Roderick Briffa, rebaħ l-unur BOV Plejer tax-Xahar għal April, 2011.

Matul dan ix-xahar Briffa kien strumentali għat-tim immexxi mill-kowċ Jesmond Zerafa, fejn lagħab ħames partiti b'ħin effettwat ta 431 minuti fejn ġie ssostitwit darba waħda biss - fir-rebħa ta' 1-0 fuq Tarxien Rainbows nhar it-3 ta' April.

Barra minn hekk huwa skorja tliet gowls - tnejn fir-rebħa ta' 5-0 fuq Hamrun Spartans (8 ta' April) u l-uniku gowl tal-partita kontra Marsaxlokk ta' nhar is-17 ta' April. Bla dubju, dan kien l-aktar gowl important fil-karriera tiegħu li bih Valletta ġew iddikjarati champions għall-20 darba fl-istorja tal-klabb.

Dawn it-tliet gowls għenu lil Briffa biex jiġi vvotat l-Aħjar Plejer tal-Logħba mill-ġurnalisti.

Is-Sur Victor Denaro, Kap Eżekuttiv tal-IT fi ħdan il-BOV, ippreżenta t-trofew ta' dan l-unur lil Briffa.

Nhar it-22 ta' Mejju li għadda niżel is-siparju tal-istaġun tal-futbol bil-finali "klassika" tal-FA Trophy bejn iż-żewġ rivali eterni, Floriana u Valletta.

Kien konfront klassiku mhux għax offra xi spettaklu partikolari, imma minħabba l-importanza tiegħu għal diversi raġunijiet.

Il-Greens ċaħħdu liċ-champions Valletta milli jirreġistraw id-Double domestiku biex fl-istess waqt waqqfulhom is-serje ta' 31 partita mingħajr telfa fil-kompetizzjonijiet kollha liema rekord jinsab għand Floriana, b'37 partita.

Iżda Valletta xorta waħda għandhom għax iħossuhom kburin bir-rekord ta' imbattibbiltà li kisbu fil-Kampjonat fejn urew supremazija assoluta fil-mixja tagħhom lejn ir-rebħ tat-titlu.

Proprju ftit jiem qabel il-finali tal-FA Trophy, ħarġet l-aħbar li l-kumitat ta' Birkirkara ddeċieda li ma jġeddidx il-kuntratt tal-kowċ, Paul Zammit u l-assistent tiegħu Branko Nisevic b'dan tal-aħħar mistenni li jinħatar kowċ nazzjonal ta' Taħt id-19-il sena.

Bla dubju, Paul Zammit ma għandu bżonn tal-ebda ntroduzzjoni fil-futbol Malti hekk kif matul dawn l-aħħar erba' snin rebaħ darbtejn il-Kampjonat (2007-08 ma' Valletta u l-istaġun li għadda proprju ma' Birkirkara). Iżda l-fatt li l-klabb Karkariż, li kull staġun ikollu aspettativi għoljin, ma rebaħ l-ebda unur, dan l-istaġun huwa meqjus bħala diżappuntanti ....

U bix-xieraq, fil-limitazzjonijiet tagħhom Zejtun Corinthians għandhom jieħdu l-unur tal-aktar tim rivelazzjoni tal-logħba domestika hekk kif għat-tieni darba konsekuttiva rebaħ id-Double - il-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni u n-Knock-Out tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni ... issa li jinsabu fl-Ewwel Diviżjoni, il-mira tagħhom tkun il-promozzjoni għall-Kampjonat Premier għall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb.

Watch LIVE
Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt

# Valletta jiċċelebraw ... Floriana fit-tieni post




Gilbert Agius jirċievi t-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat mingħand il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo

Valletta ċċelebraw bil-kbir ir-rebħ tal-20 Kampjonat fl-istorja tal-klabb meta waqqfu rekord assulot ta' mingħajr telfa meta kull tim lagħab 28 partita (fiċ-Championship Pool). Dan huwa rekord ġdid minn mindu bdew jingħataw tliet punti għal kull rebħa.

Anke jekk forsi, fl-aħħar partita sfaw miżmuma fi draw ta' 2-2 minn Tarxien Rainbows xejn ma tellef mill-karnival li jafu jagħmlu l-partitarji Beltin fejn iċ-ċelebrazzjonijiet baqgħu sejrin sas-sigħat bikrin ta' filgħodu ... il-kampjonat huwa maratona ta' 28 partita u mhux jiġi deċiż fuq logħba waħda!!

Jekk wieħed janalizza dan l-istaġun, jiġi f'konklużjoni li Valletta kien jimmeritahom li jirbħu l-Kampjonat li għal dawn l-aħħar erba' snin kienu l-uniku tim li dejjem sfida għar-rebħ ta' dan l-unur tant prestiġġjuż meta fl-2007/08 spiċċaw ukoll bħala champions filwaqt li fl-istaġuni 2008/09 u 2009/10 spiċċaw fit-tieni post.

It-timijiet li kellhom il-kredenzjali li b'xi mod setgħu jagħtu battikata lill-Beltin, bdew jisperaw li hekk kif jinqasmu l-punti (bin-nofs) fi tmiem l-Ewwel Fażi kien ikollhom iċ-ċans li jilħqu l-pass magħhom ... kif ġara fl-istaġun preċedenti.

Iżda din id-darba, il-Lilywhites kellhom ideat oħra għax minbarra li bdew iwarrbu kull sfida tal-avversarji, it-timijiet ta' warajhom bdew jitilfu l-punti bejniethom.

Ir-rivali eterni, Floriana, spiċċaw fit-tieni post meta, f'konfront dirett, għelbu lil Birkirkara bl-iskor ta' 3-0.

Din ir-rebħa kienet tfisser passaġġ għall-kompetizzjoni fil-UEFA Europa League. Għaldaqstant il-Greens se jerġgħu jirrappreżentaw lil Malta fil-kompetizzjonijiet Ewropej wara nuqqas ta' 11-il sena meta fis-sajf tal-2000 kienu ħadu sehem fit-Tazza Intertoto u ġew eliminati fl-ewwel rawnd mit-tim Norveġiż ta' Stabaek FC, 1-1, 0-2 għal aggregate ta' 3-1.

L-aħħar darba li ħadu sehem fil-UEFA Europa League kien fl-1996/97, meta din l-istess kompetizzjoni kienet tissejjaħ Tazza UEFA. Dak in-nhar ittellgħu biex jilagħbu kontra t-tim Iżraelit, Beitar Jerusalem, u ħarġu telliefa b'aggregate ta' 8-2 (1-5, 1-3).

Wieħed jista' jgħid li Floriana kienu r-rivelazzjoni ta' dan l-istaġun hekk kif minn tim li, fl-istaġun preċedenti, kien qed jilgħab fir-Relegation Pool, irnexxielu jikseb post fil-kompetizzjonijiet Ewropej ... u fuq kollox ... rigal finanzjarju!!



*Il-captain ta' Valletta Gilbert Agius flimkien ma' żewġ mascots*




## ikseb is-serħan tal-moħħ għalik u għal uliedek

Li toħloq bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja kif ukoll tieħu deċiżjonijiet li jħallu impatt fuq il-futur ta' uliedek, huma sfidi kbar. Aħna nafu kemm hu prezzjuż il-ħin tiegħek, u għalhekk nimpenjaw ruħna biex nagħtuk parir finanzjarju professjonali u soluzzjonijiet li jgħinuk takkwista fiduċja fil-futur tiegħek u dak ta' uliedek.

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek.*

**BOV FINANCIAL PLANNING**
**2131 2020 | bov.com**

Il-Bank of Valletta p.l.c. huwa liċenzjat sabiex jipprovdi servizzi ta' investiment mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji.

BOV
Bank of Valletta

BOV 28586

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

## Championship Pool

**Logħba Nru 127 – 29.04.2011 - 20.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 3
D. Bueno 4, S. Pacheco 27, R. Costa 78

**Hamrun Spartans** 3
R. Mangion 67, P. Anizoba 72, G. Spiteri 84

HT 2-0 **National Stadiumd**

**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Everton Antonio Pereira (Lee Galea 68), Gianluca Calabretta, Ricardo Costa, Sergio Pacheco de Oliveira, Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien (Steve Sadowski 88), Julian Vella, Orosco Anonam, Ryan Mintoff, Justin Grioli
*Coach* – Noel Coleiro

**Hamrun S.** – Omar Borg, Massimo Grima, Rupert Mangion, Roderick Fenech, Dylan Kokavessis, Lee James Agius, Dyson Falzon, Gaetan Spiteri, Jovan Vukanic, David Camilleri, Steve Bonnici (Peter Anizoba Chizoba 46)
*Coach* – Steve D'Amato

Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Philip Agius, William Debattista
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – S. Pacheco, J. Vella (T), G. Spiteri (H)

## Championship Pool

**Logħba Nru 128 – 30.04.2011 - 15.00 hrs**

**Birkirkara** 2
E. Lattes 6, M. Galea 13

**Marsaxlokk** 0

HT 2-0 **National Stadium**

**Birkirkara** – Manuel Bartolo, Ibrahim Babatunde (Terence Vella 82), Rowen Muscat, Patrick Borg, Andrew Decesare (Karl Pulo 68), Andrei Agius, Joseph Zerafa, Nikola Vukanac, Emiliano Lattes, Michael Galea (Ryan Scicluna 63), Trevor Cilia
*Coach* – Paul Zammit

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Malcolm Licari, Carlo Mamo, Rumen Galabov, Clive Brincat, Trevor Templeman, Florent Raimy (Emil Yanchev 68), Gareth Sciberras, Martin Deanov (Gary Caruana 82), Alfred Effiong (Ryan Darmanin 72), Julio Alcorse
*Coach* – Patrick Curmi

Referee – Marco Borg
Assistenti – Mariano Debono, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Mario Apap
Ammoniti – N. Vukanac, A. Decesare, J. Zerafa (B)

## Championship Pool

**Logħba Nru 129 – 30.04.2011 - 17.00 hrs**

**Floriana** 1
T. Farrugia 20

**Valletta** 1
G. Agius 36

HT 1-1 **National Stadium**

**Floriana** – Matthew Towns, Duncan Pisani, Tyrone Farrugia, Pablo Doffo, Thomas Paris (Joseph Borg 80), Christian Cassar, Mano Micallef, Dragomir Draganov (Christian Caruana 66), Ivan Woods, Daniel Nwoke, Owen Bugeja
*Coach* – Michael Woods

**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Ramon Dos Santos, Edmond Agius, Ian Azzopardi, Roderick Briffa, Jamie Pace, Terence Scerri (Antunes Andrade Anderson 78), Denni Rocha Dos Santos, Ryan Fenech (Ian Zammit 78), Gilbert Agius (Kevin Sammut 68)
*Coach* – Jesmond Zerafa

Referee – Chris Lautier
Assistenti – Ingmar Spiteri, Alan Camilleri
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – J. Pace, R. Dos Santos, A. Anderson (V)




Plejers, diriġenti u partitarji ta' Valletta jiċċelebraw wara l-preżentazzjoni tat-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat



Partitarji ta' Valletta jiċċelebraw





Ryan Mintoff (Tarxien R.) jiddefendi l-ballun minn Terence Scerri (Valletta)







Mario Micallef (Floriana) jipprova jwaqqaf lil Denni Rocha Dos Santos (Valletta)



Tyrone Farrugia fl-azzjoni għal Floriana kontra Birkirkara

## L-iskorers kollha – 411 Gowls - 111 Skorers

17 - Alfred Effiong (Marsaxlokk)
16 - Terence Scerri (Valletta)
14 - Gaetan Spiteri (Hamrun S.)
13 - Jean Pierre Mifsud Triganza (Sliema W.)
12 - Daniel Nwoke (Floriana);
11 - Daniel Mariano Bueno (Tarxien R.); Denni Rocha Dos Santos (Valletta)
10 - Sergio Pacheco De Oliveira (Tarxien R.)
9 - Michael Galea, Emiliano Lattes (Birkirkara); Ivan Woods (Floriana);
8 - Obinna Obiefule, Jackson Lima Sequeira; Ricardo Costa, Cristiano Dos Santos Rodrigues (Tarxien R.)
7 - Paul McManus (Hibernians); Michael Mifsud (Qormi); Anthony Ewurum, Jorge Santos Silva (Vittoriosa S.)w
6 - Dene Shields (Hamrun S.); Andrew Cohen, Edward Herrera (Hibernians); Cleavon Frendo, Josue Souza Santos (Qormi); Dyson Falzon (Hamrun S. 4 + Valletta 2); Ryan Darmanin (Marsaxlokk 5 + Floriana 1); Edison Luis Dos Santos (Vittoriosa S.)
5 - Paul Fenech (Birkirkara); Dragomir Draganov (Floriana); Massimo Grima (Hamrun S.); Marcelo Pereira (Hamrun S.); Julio Alcorse (Marsaxlokk), Ryan Fenech (Valletta 3 + Hamrun S. 2); Edmond Agius, Kevin Sammut (Valletta)
4 - Trevor Cilia (Birkirkara); Tyrone Farrugia (Floriana); Ruben Guerreiro Gravata (Marsaxlokk); Roderick Briffa (Valletta)
3 - Ibrahim Babatunde, Rodolfo Kumbrevicius, Terence Vella (Birkirkara); Christian Caruana (Floriana); Peter Anizoba (Hamrun S.); Malcolm Licari, Trevor Templeman (Marsaxlokk); Abubakar Bello-Osagie, Joseph Farrugia, George Mallia (Qormi); Chakib Lachkhem (Sliema W.); Gilbert Agius, Ian Zammit (Valletta)
2 - Alan Tabone (Birkirkara); Joseph Borg, Christian Cassar, Michael Mecerod (Floriana); Dylan Kokavessis (Hamrun S. 1 + Marsaxlokk 1); Rupert Mangion (Hamrun S.); Tristian Caruana, Bjorn Kristensen, Steve Pisani, Adrian Pulis (Hibernians); Florent Raimy, Gareth Sciberras (Marsaxlokk); Michael Borg Olivier (Qormi); Etienne Barbara, Mark Scerri (Sliema W.); Andrade Antunes Anderson, Jamie Pace (Valletta); Leighton Grech (Vittoriosa S.)
1 - Andrei Agius, Patrick Borg, Ryan Scicluna, Nicola Vukanac (Birkirkara); Luke Agius, Kiril Dzhorov, Pablo Doffo, Manolito Micallef, Brian Said (Floriana); James Lee Agius, Nikolai Chipev (Hamrun S.); Matthew Clarke, Brian Fairbairn, Jean Paul Farrugia, Richie Hart, Jonathan Pearson, Abdellah Taki (Hibernians); Clive Brincat, Martin Deanov (Marsaxlokk); Kosta Bjedov, Jonathan Bondin, Ben Camilleri, Joseph Chetcuti, Christos Karamanolis, Jason Vandelannoite (Qormi); Miguel Ciantar (Sliema W.); Manuel Caruana, Everton Antonio Pereira (Tarxien R.); Steve Borg, Jonathan Caruana, Omonigho Temile (Valletta); Carlos Compagnoli, Clifton Micallef (Vittoriosa S.)
Own goals – Andre Decesare (Birkirkara); Matthew Gauci, Jonathan Pearson, Matthew Tabone (Hibernians); Kang Hojung (Qormi); Josef Mifsud (Sliema W.); Daniel Mariano Bueno (Tarxien R.); Clayton Micallef (Vittoriosa S.)

## Il-kontroll tar-referis

15 - Adrian Azzopardi, Marco Borg, Paul Caruana, Clayton Pisani;
14 - Chris Lautier;
12 - Kevin Azzopardi, Alan Mario Sant;
11 - Andrè Arciola;
7 - Esther Azzopardi;
6 - Glenn Tonna;
4 - Mario Apap, Fyodor Zammit;
3 - Trustin Farrugia Cann

## Kif Spiċċaw Championship Pool

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 28 | 18 | 10 | 0 | 59 | 17 | 42 |
| Floriana | 28 | 14 | 5 | 9 | 46 | 32 | 34 |
| Birkirkara | 28 | 11 | 9 | 8 | 42 | 40 | 29 |
| Marsaxlokk | 28 | 9 | 11 | 8 | 45 | 43 | 26 |
| Tarxien R. | 28 | 10 | 7 | 11 | 41 | 45 | 23 |
| Hamrun S. | 28 | 7 | 6 | 15 | 44 | 66 | 16 |

**Relegation Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sliema W. | 24 | 10 | 7 | 7 | 37 | 31 | 26 |
| Qormi | 24 | 7 | 7 | 10 | 37 | 43 | 18 |
| Hibernians | 24 | 6 | 6 | 12 | 34 | 46 | 17 |
| Vittoriosa S. | 24 | 3 | 6 | 15 | 26 | 48 | 10 |

### Championship Pool

**Logħba Nru 130 – 06.05.2011 - 18.00 hrs**

**Marsaxlokk 6**
C. Brincat 43, R. Darmanin 56, M. Licari 66, A. Effiong 85 pen, 89, 93 pen
**Hamrun Spartans 3**
D. Falzon 25, G. Spiteri 36, 57
**HT 1-2 National Stadium**

**Marsaxlokk** – Glenn Zammit, Kevin Polidano (Martin Deanov 48), Andrew Spiteri, Clive Brincat, Emil Yanchev, Sunday Eboh, Gareth Sciberras, Gary Caruana, Trevor Templeman, Ryan Darmanin (Malcolm Licari 57), Julio Alcorse (Alfred Effiong 73)
*Coach* – Patrick Curmi
**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Massimo Grima, Rupert Mangion, Roderick Fenech, Daniel Zerafa (Craig Debattista 54), Mead Mifsud (Peter Anizoba 70), Karl Magro, Lee James Agius (Chris Cardona 83), Dyson Falzon, Gaetan Spiteri, David Camilleri
*Coach* – Steve D'Amato
Referee – Glenn Tonna
Assistenti – Mariano Debono, William Debattista
Raba' Uff. – Andre Arciola
Ammoniti – R. Darmanin (M)

### Championship Pool

**Logħba Nru 131 – 06.05.2011 - 20.00 hrs**

**Floriana 3**
J. Borg 17, 26, D. Draganov 36
**Birkirkara 0**
**HT 3-0 National Stadium**

**Team A** – Matthew Towns, Duncan Pisani, Tyrone Farrugia, Owen Bugeja, Manolito Micallef (Brian Said 75), Clyde Borg (Sacha Borg 66), Thomas Paris, Chrstian Cassar, Dragomir Draganov, Joseph Borg, Daniel Nwoke (Alan Abela 85)
*Coach* – Michael Woods
**Birkirkara** – Manuel Bartolo, Ryan Scicluna, Patrick Borg, Rowen Muscat, Emilano Lattes, Paul Fenech, Andrei Agius, Ryan Camenzuli (Karl Pulo 57), Angus Buhagiar (Trevor Cilia 79), Michael Galea (Rodolfo Kumbrevicius 60), Ibrahim Babatunde
*Coach* – Paul Zammit
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Philip Agius, Alan Camilleri
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – Ħadd

### Championship Pool

**Logħba Nru 132 – 07.05.2011 - 16.00 hrs**

**Valletta 2**
T. Scerri 14 pen, E. Agius 42
**Tarxien Rainbows 2**
R. Costa 41, D. M. Bueno 47
**HT 2-1 National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Roderick Briffa, Jonathan Caruana (Ramon Dos Santos 82), Ian Azzopardi, Steve Borg, Edmund Agius, Jamie Pace, Kevin Sammut, Gilbert Agius (Ryan Fenech 20), Denni Rocha Dos Santos (Ian Zammit 61), Terence Scerri
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Tarxien R.** – David Cassar, Steven Sadowski, Manuel Caruana (Ryan Mintoff 46), Everton Pereira, Ricardo Costa (Andre Farrugia 74), Cristiano Rodrigues, Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien, Julian Vella (Sergio Hili 79), Lee Galea, Justin Grioli
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Ingmar Spiteri, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Andre Arciola
Ammoniti – L. Galea (TR)

BOV 1st Div. League
Bank of Valletta
your Success, our Goal



# Balzan Y. jiċċelebraw ir-rebħ tat-titlu...

Balzan Youths jiċċelebraw ir-rebħ tal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni

## u Dingli S. jirbħu n-Knock-Out

**30.04.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Pietà H. v Balzan Y. ....................................1-2**
*Pedro Dos Santos Calcado 35, 78 (BY); Ismael Grech 61 (PH)*

**St. George's v Msida SJ ............................0-0**

**01.05.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Melita v Lija A. ...........................................3-1**
*Emilio Cornago 2, Kane Farrugia 50 pen, Nicolo Baldacchino Orland 56 (M); Admir Dzanovic 20 (LA)*

**Dingli S. v Mqabba....................................1-3**
*Thiago Dos Santos Mazitelli 12, 35, John Paul Muscat 77 pen (M); Leontiev Konda 87 (DS)*

KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan Y. | 17 | 14 | 2 | 1 | 41 | 15 | 44 |
| Mqabba | 17 | 9 | 5 | 3 | 35 | 15 | 32 |
| Mosta | 18 | 9 | 5 | 4 | 42 | 22 | 32 |
| Melita | 17 | 8 | 5 | 4 | 28 | 20 | 29 |
| Lija A. | 17 | 7 | 3 | 7 | 23 | 22 | 24 |
| St. George's | 17 | 6 | 5 | 6 | 25 | 28 | 23 |
| St. Andrew's | 18 | 5 | 5 | 8 | 20 | 28 | 20 |
| Dingli S. | 17 | 5 | 3 | 9 | 19 | 31 | 18 |
| Pietà H. | 17 | 4 | 4 | 9 | 33 | 35 | 16 |
| Msida SJ | 17 | 0 | 1 | 16 | 5 | 53 | 1 |

**Msida SJ tnaqqsulhom 4 punti*
**Balzan Y. ingħataw rebħa ta' 3-0 wara protest fuq Msida SJ*
** Balzan Y. champions*
** Mqabba promossi*
** Promotion Decider: Mosta v Melita 2-0*
** Msida SJ relegati*



Etienne Farrugia (Dingli S.) jirċievi t-trofew mingħand il-viċi-president tal-MFA, Carmelo Bartolo

## Maltco Lotteries I Diviżjoni Knock-Out

**Semi-Finali**
**07.05.2011**
**Victor Tedesco Stadium**
**Lija A. v Dingli S. ................................2-3**
*Joreilly Chirino 65, Leontiev Konda 71, Ryan Sammut 73 (DS); Antoine Sacco 79, Keith Darmanin 82 (LA)*

**Mqabba v Balzan Y. ............................0-2**
*Lydon Micallef 53, Silvan Ciscaldi 81 (BY)*

**Finali**
**13.05.2011**
**Hibernians Stadium**
**BalzanY. v Dingli S. ............................2-3**
*Pedro Dos Santos Calcado 23, Renato Conceicao 28 (BY); Prince Will Okachi 62, 84, Kurt Pace 81 (DS)*

BOV 2nd Div. League
BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal



# Zejtun C. jirbħu d-Double għat-tieni sena nfila

Zejtun C. jiċċelebraw id-Double




**Centenary Stadium**
**30.04.2011**
**Zurrieq v Naxxar L. ..................0-0**

**Zejtun C. v Zebbug R. .............6-1**
*Silvio Sciberras 3 pen, Oldi Majtara 13, 88, Charlo Magro 62, Carmel Formosa 84, 85 (ZC); Timmy Thomas 36 pen (ZR)*

**01.05.2011**
**Birżebbuġa SP v Mellieħa.......1-0**
*Ronnie Celeste 87 (BSP)*

**Mgarr U. v St. Patrick ...............0-4**
*Alex Ellul 26 pen, 36, Glenn Barry 30, David Mamo 81 (MU)*

**02.05.2011**
**Rabat A. v Gzira U. ..................7-2**
*Richard Attard 5, Keith Bonello 69, (GU); Dylan Falzon 15, Justin Felice 52, 73, 92, Hubert Gatt Bonello 62, Emeka Basil Onuta 66, Adrian Mifsud 88 (RA)*

**San Gwann v Senglea A. .........6-3**
*Miguel Francica 5, 68, Shaun Vella 12, 18, 62, Joseph Chidi Achokwu 21 (SG); Ricardo Severino 32, 70, Royter Degiorgio 33 (SA)*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zejtun C. | 22 | 16 | 4 | 2 | 42 | 11 | 52 |
| Rabat A. | 22 | 12 | 5 | 5 | 45 | 12 | 41 |
| Naxxar L. | 22 | 12 | 4 | 6 | 43 | 26 | 40 |
| B'Buġa SP | 22 | 11 | 4 | 7 | 31 | 28 | 37 |
| Mellieħa | 22 | 11 | 3 | 8 | 30 | 20 | 36 |
| St. Patrick | 22 | 11 | 3 | 8 | 31 | 32 | 36 |
| San Gwann | 22 | 9 | 4 | 9 | 33 | 40 | 31 |
| Zebbug R. | 22 | 8 | 3 | 11 | 30 | 40 | 27 |
| Zurrieq | 22 | 6 | 5 | 11 | 27 | 41 | 23 |
| Senglea A. | 22 | 5 | 4 | 13 | 32 | 42 | 19 |
| Gzira U. | 22 | 4 | 6 | 12 | 33 | 51 | 18 |
| Mgarr U. | 22 | 4 | 1 | 17 | 16 | 50 | 13 |

## Quick - Keno II/III Div. Knock-Out

**Kwarti-Finali**
**26.12.10**
St. Venera L. v Mtarfa..........................2-0

Zejtun C. v Mgarr U..............................3-0

Attard v Naxxar L. ...............................0-3

Rabat A. v Birzebbuga SP ....................3-0

**Semi-Finali**
**26.04.10**
Zejtun C. v Naxxar L. ..........................2-0
**27.04.10**
St. Venera L. v Rabat A. .......................1-2

**Finali**
**08.05.10**
Zejtun C. v Rabat A. ............................2-0
*(wara l-ħin barrani)*
Oldi Majtar 93, Kenneth Abela 117 (ZC)

# Għargħur champions b'rebħa drammatika



Il-partiti kollha jintlagħbu fis-Centenary Stadium

## SECTION A

**28.04.2011**

**Qrendi v Xgħajra T. ........1-1**
*Neil Attard (XU); Christian Caruana (Q)*

**Attard v Mdina K. ...........3-1**
*Cachel Vella 4 (MK); Darren Galea 10, Kurt Zahra 19, Bydasser Sammut 86 (A)*

**01.05.2011**

**Marsaskala v Siggiewi ...1-6**
*Roderick Farrugia 9, 32, 59, Jason Camilleri 37, 64, Harun Ahmed Muhamed 78(S); Daniel Barreno Alba 72 (M)*

**Mtarfa v Gudja U. ...........1-1**
*Cleavon Mizzi 50 (M); Peter Paul Sammut 90 (GU)*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Siggiewi | 20 | 16 | 1 | 3 | 49 | 22 | 49 |
| St. Venera L. | 20 | 16 | 1 | 3 | 37 | 13 | 49 |
| Gudja U. | 20 | 14 | 4 | 2 | 48 | 12 | 46 |
| Attard | 20 | 11 | 3 | 6 | 39 | 21 | 36 |
| Mdina K. | 20 | 10 | 2 | 8 | 33 | 23 | 32 |
| Swieqi U. | 20 | 7 | 4 | 9 | 30 | 33 | 25 |
| St. Lucia | 20 | 7 | 3 | 10 | 16 | 30 | 24 |
| Mtarfa | 20 | 3 | 7 | 10 | 15 | 26 | 16 |
| Xgħajra T. | 20 | 4 | 3 | 13 | 17 | 46 | 15 |
| Marsaskala | 20 | 3 | 3 | 14 | 23 | 54 | 12 |
| Qrendi | 20 | 1 | 5 | 14 | 12 | 39 | 8 |

** St. Venera L. ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Attard*
**St. Venera L., Gudja U. promossi*
** Promotion Decider: Attard v Pembroke A. 4-1*
**Section Winner Decider: St. Venera L. v Siggiewi 1-2 (wara l-ħin barrani)*



Għargħur v Siggiewi



Għargħur jiċċelebraw is-suċċess tagħhom



It-tim ta' Attard



St. Venera v Siggiewi

## SECTION B

**25.04.2011**

**Luqa SA v Għaxaq ......... 4-1**
*Lee Baldacchino 24, 60, 67, Roderick Debattista 31 (LSA); Francois Galea 66 (Għ)*

**28.04.2011**

**Kirkop U. v Fgura U. ..... 3-0**
*Christian Mifsud 6, Ronald Spina 25, Chris Farrugia 26 (KU)*

**Għargħur v Pembroke A.1-5**
*Carlo Leonardi 7, Junior Sank 29, Steve Micallef 64, Daniel Calleja 70, Malcolm Sammut 88 pen (PA); Domenic Pullicino 16 (Għ)*

**29.04.2011**

**Marsa v Gozo FC .......... w/o**

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għargħur | 18 | 13 | 2 | 3 | 42 | 23 | 41 |
| Kirkop U. | 18 | 12 | 2 | 4 | 39 | 17 | 38 |
| Luqa SA | 18 | 11 | 4 | 3 | 43 | 22 | 37 |
| Pembroke | 18 | 9 | 2 | 7 | 32 | 28 | 29 |
| Fgura U. | 18 | 7 | 3 | 8 | 31 | 35 | 24 |
| Sirens | 18 | 6 | 5 | 7 | 36 | 36 | 23 |
| Marsa | 18 | 5 | 5 | 8 | 21 | 26 | 20 |
| Għaxaq | 18 | 5 | 4 | 9 | 28 | 34 | 19 |
| Gozo FC | 18 | 5 | 1 | 12 | 26 | 50 | 16 |
| Kalkara | 18 | 2 | 2 | 14 | 17 | 44 | 8 |

** Luqa SA ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Gozo FC*
** Fgura U. ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Għaxaq*
**Kirkop United, Luqa SA promossi*

**FINALI - 15.05.2011**

**Għargħur v Siggiewi ...........3-2**
*(wara l-ħin barrani)*
*Jason Camilleri 63, Harun Ahmed Muhamed 80 (S); Malcolm Tirchett 91, 94, 105 (Għ)*

BOV 3rd Div. League
BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal




# Floriana għad-19-il darba


GET MORE FROM
YOUR WORKOUT
POWERADE®
Contains electrolytes and carbohydrates
to help you train better



Il-captain ta' Floriana, Mano Micallef, jgħolli t-Trophy wara l-preżentazzjoni mill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo

# Floriana jirbħu l-FA Trophy wara nuqqas ta' 17-il sena

Floriana rebħu l-U*Bet FA Trophy wara nuqqas ta' 17-il sena meta għelbu lil Valletta bl-iskor ta' 1-0 biex waqqfulhom ukoll ir-rekord ta' mbattibbiltà għal dan l-istaġun.

Inċidentalment, il-Greens irrepetew dan is-suċċess meta proprju kien nhar it-22 ta' Mejju (l-istess data), 1994, meta għelbu lil Valletta bl-iskor ta' 2-1 b'gowls ta' Albert Busuttil u Dennis Cauchi fil-waqt li Gilbert Agius wieġeb għall-Beltin.

Quddiem l-akbar folla tal-istaġun, kienet finali b'immarkar strett fejn ma tantx offriet spettaklu, hekk kif iż-żewġ timijiet kienu konxji mill-fatt li żball seta' jiżvolġi f'wieħed detrimentali.

Minkejja li Valletta kienu aktar avventurużi, Floriana ddefendew bil-għaqal u bdew "jifgaw" f'għanqbuta difensiva kull sforz tal-avversarji fejn il-gowlkiper Matthew Towns kien ukoll protagonista fejn salva żewġ tentattivi kruċjali fuq Terence Scerri.

Matul it-tieni taqsima, il-Greens ipprovaw jixħtu pressjoni fuq il-Beltin iżda l-battalja baqgħet fiċ-ċentru ta' nofs il-grawnd fejn ħadd ma beda jagħti spazju lil ħadd għajr xi attakk iżolat.

Il-partita dehret li kienet sejra fil-ħin barrani meta, fid-89 minuta, il-midfielder ta' Floriana Christian Caruana, aċċentwa l-waqgħa f'tarf il-kaxxa meta ġie attakkat minn Ian Azzopardi bir-referi, Paul Caruana, isaffar għal freekick.

Minn dan il-freekick inkariga ruħu Ivan Woods li b'devjazzjoni mal-istess Azzopardi, inganna għal kollox bil-gowlkiper Hogg ... bil-ballun jispiċċa fir-rokna tax-xibka ... biex in-naħa tal-partitarji ta' Floriana splodiet bi briju kontinwu u tixjir ta' bnadar.

L-aħħar minuti kienu mumenti ta' tensjoni għaż-żewġ naħat ... iżda ma kienx fadal ħin biżżejjed biex il-Beltin setgħu jsalvaw ir-riżultat.

Il-president ta' Valletta, Norman Darmani Demajo, ippreżenta lit-trofew lill-captain ta' Floriana, Mano Micallef ... fejn iċ-ċelebrazzjonijiet baqgħu sejrin sas-sigħat bikrin ta' filgħodu.




Il-president ta' Floriana, Johann Said, jiċċelebra maż-żewġ plejers Thomas Paris u Pablo Doffo

Joseph Borg ta' Floriana fl-azzjoni kontra Valletta






Il-president ta' Floriana, Johann Said, merfugħ fuq l-ispallejn



Mano Micallef jiċċelebra mal-president Johann Said



Gilbert Agius (Valletta) attakkat minn Duncan Pisani (Floriana)



# Ir-rebbieħa kollha

| | |
|---|---|
| **National Cup** | |
| 1910-11 | Floriana |
| **Mile End Cup** | |
| 1911-12 | St. George's |
| **Gaelic Cup** | |
| 1912-13 | Floriana |
| **Cousis Shield** | |
| 1914-15 | Valletta United |
| 1916-17 | St. George's |
| 1917-18 | Sliema Wanderers |
| 1919-20 | Sliema Wanderers |
| 1920-21 | Valletta United |
| 1921-22 | Floriana |
| 1922-23 | Floriana |
| 1923-24 | Sliema Wanderers |
| 1925-26 | Sliema Wanderers |
| 1926-27 | St. George's |
| **Empire Sports Ground Cup** | |
| 1927-28 | Floriana |
| 1928-29 | Floriana |
| **Cousis Shield** | |
| 1930-31 | Floriana |
| **Malta FA Cup** | |
| 1931-32 | Sliema Wanderers |
| **FA Trophy** | |
| 1934-35 | Sliema Wanderers |
| 1935-36 | Sliema Wanderers |
| 1936-37 | Sliema Wanderers |
| 1937-38 | Floriana |
| 1938-39 | Melita |
| 1939-40 | Sliema Wanderers |
| 1944-45 | Floriana |
| 1945-46 | Sliema Wanderers |
| 1946-47 | Floriana |
| 1947-48 | Sliema Wanderers |
| 1948-49 | Floriana |
| 1949-50 | Floriana |
| 1950-51 | Sliema Wanderers |
| 1951-52 | Sliema Wanderers |
| 1952-53 | Floriana |
| 1953-54 | Floriana |
| 1954-55 | Floriana |
| 1955-56 | Sliema Wanderers |
| 1956-57 | Floriana |
| 1957-58 | Floriana |
| 1958-59 | Sliema Wanderers |
| 1959-60 | Valletta |
| 1960-61 | Floriana |
| 1961-62 | Hibernians |
| 1962-63 | Sliema Wanderers |
| 1963-64 | Valletta |
| 1964-65 | Sliema Wanderers |
| 1965-66 | Floriana |
| 1966-67 | Floriana |
| 1967-68 | Sliema Wanderers |
| 1968-69 | Sliema Wanderers |
| 1969-70 | Hibernians |
| 1970-71 | Hibernians |
| 1971-72 | Floriana |
| 1972-73 | Gzira United |
| 1973-74 | Sliema Wanderers |
| 1974-75 | Valletta |
| 1975-76 | Floriana |
| 1976-77 | Valletta |
| 1977-78 | Valletta |
| 1978-79 | Sliema Wanderers |
| 1979-80 | Hibernians |
| 1980-81 | Floriana |
| 1981-82 | Hibernians |
| 1982-83 | Hamrun Spartans |
| 1983-84 | Hamrun Spartans |
| 1984-85 | Zurrieq |
| 1985-86 | Rabat Ajax |
| 1986-87 | Hamrun Spartans |
| 1987-88 | Hamrun Spartans |
| 1988-89 | Hamrun Spartans |
| 1989-90 | Sliema Wanderers |
| 1990-91 | Valletta |
| 1991-92 | Hamrun Spartans |
| 1992-93 | Floriana |
| 1993-94 | Floriana |
| 1994-95 | Valletta |
| 1995-96 | Valletta |
| 1996-97 | Valletta |
| 1997-98 | Hibernians |
| 1998-99 | Valletta |
| 1999-00 | Sliema Wanderers |
| 2000-01 | Valletta |
| 2001-02 | Birkirkara |
| 2002-03 | Birkirkara |
| 2003-04 | Sliema Wanderers |
| 2004-05 | Birkirkara |
| 2005-06 | Hibernians |
| 2006-07 | Hibernians |
| 2007-08 | Birkirkara |
| 2008-09 | Sliema Wanderers |
| 2009-10 | Valletta |
| 2010-11 | Floriana |

## SEMI-FINALI

**14.05.2011 - 17.00 hrs**

**Tarxien Rainbows 0**

**Valletta 1**
D. Rocha Dos Santos 116

**HT 0-0 National Stadium**
**(wara l-ħin barrani)**

**Tarxien R.** – David Cassar, Gianluca Calabretta, Ricardo Costa, Cristiano Dos Santos Rodrigues, Sergio Pacheco De Oliviera (Justin Grioli 89), Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien, Julian Vella (Steve Sadowski 106), Orosco Anonam (Andrè Farrugia 117), Ryan Mintoff, Lee Galea
*Coach* – Noel Coleiro

**Valletta** – Andrew Hogg, Roderick Briffa, Jonathan Caruana, Steve Borg, Ian Azzopardi, Edmond Agius, Jamie Pace, Denni Dos Santos, Omonigho Temile (Terence Scerri 72), Ryan Fenech (Kevin Sammut 100), Antunes Anderson (Ian Zammit 112)
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Ingmar Spiteri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – L. Vella Critien, G. Calabretta, R. Mintoff, S. Sadowski (TR); E. Agius, S. Borg, T. Scerri (V)

## SEMI-FINALI

**15.05.2011 - 17.00 hrs**

**Birkirkara 1**
T. Cilia 66 pen

**Floriana 2**
C. Caruana 23, T. Farrugia 60

**HT 0-1 National Stadium**

**Birkirkara** – Michael Fraser, Nikola Vukanac, Andrei Agius, Patrick Borg (Rodolfo Kumbrevicius 80), Andrew Decesare (Ibrahim Babatunde 46), Trevor Cilia, Paul Fenech, Joseph Zerafa, Emiliano Lattes, Michael Galea, Angus Buhagiar (Sean Bajada 67)
*Coach* – Paul Zammit

**Floriana** – Matthew Towns, Owen Bugeja, Pablo Doffo, Tyrone Farrugia, Mano Micallef, Thomas Paris, Christian Cassar, Christian Caruana, Ivan Woods, Dragomir Draganov (Clyde Borg 18), Daniel Nwoke
*Coach* – Michael Woods
Referee – Andre Arciola
Assistenti – Konrad Borg, Edward Spiteri
Raba' Uff. – Paul Caruana
Ammoniti – C. Caruana, T. Farrugia, I. Woods, P. Doffo (F), P. Borg, A. Agius (B)

## FINAL

**22.05.2011 - 17.00 hrs**

**Floriana 1**
I. Woods 89

**Valletta 0**

**HT 0-0 National Stadium**

**Floriana** – Matthew Towns, Duncan Pisani, Mano Micallef, Owen Bugeja, Tyrone Farrugia, Pablo Doffo, Thomas Paris (Joseph Borg 63), Christian Cassar, Christian Caruana, Ivan Woods, Daniel Nwoke
*Coach* – Michael Woods

**Valletta** – Andrew Hogg, Roderick Briffa, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Steve Borg, Gilbert Agius (Andrade Antunes Anderson 82), Edmond Agius, Jamie Pace, Denni Dos Santos, Terence Scerri, Ryan Fenech (Omonigho Temile 74)
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Philip Agius, Konrad Borg
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – T. Paris (F); S. Borg, G. Agius, J. Pace, I. Azzopardi (V)
Tkeċċew – J. Pace, T. Scerri (wara tmiem il-partita)




# Kampjonat ġdid U/13

## flimkien mal-festivals mill-istaġun 2011/12

Wara li għal dawn l-aħħar snin kienu diversi l-opinjonijiet jekk għandux jibda jiġi organizzat Kampjonat tal-Under 13, il-Youth FA ġiet mitluba mill-amministrazzjoni l-ġdida tal-MFA biex tkun studjata aktar fid-dettal din il-proposta u jitressqu proposti finali biex tittieħed deċiżjoni. Għaldaqstant il-Youth FA bdiet il-ħidma tagħha, f'Settembru 2010, b'diversi laqgħat mal-partijiet ikkonċernati minn fejn ġew elenkati kummenti, suġġerimenti tekniċi, amministrattivi u loġistiċi.

Twaqqaf sotto-kumitat bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tan-Nurseries u miċ-Ċentru tekniku fejn bdew jiġu diskussi diversi proposti u regolamenti. Il-punt prinċipali dejjem kien li jingħata aktar ċans lill-plejers f'dawn l-etajiet jilagħbu kemm fil-Kampjonat kif ukoll fil-festivals. L-opinjonijet kienu diversi u b'hekk l-argumenti dejjem kienu b'saħħithom fid-diskussjonijiet. L-Assoċjazzjoni kellha direzzjoni li, dak li tipproponi, tara li jkun ta' ġid għal-logħob in ġenerali, u t-tkabbir fin-numru tal-parteċipazzjoni tal-plejers. L-Assoċjazzjoni waslet għall-konklużjoni li jissaħħu l-festivals, billi kull Nursery tkun obbligata li tipparteċipa fil-festivals, filwaqt li kien propost li jsiru riformi fid-daqsijiet ta' grawnds u affarijiet loġistiċi oħra, f'dawn il-festivals biex jitjieb il-livell.

Bl-introduzzjoni ta' dan il-Kampjonat se jkun hemm żieda ta' 31.6% plejers jilagħbu aktar minn dan l-istaġun, filwaqt li dawk li se jkunu eliġibbli li jipparteċipaw se jkollhom sett ta' kriterji li jridu jonoraw, fosthom ammont ta' plejers f'din il-faxxa ta' età, kowċ ikkwalifikat b'liċenzja "C". Sar qbil li sa fejn hu possibbli, dan il-kampjonat ikun ikkontrollat minn eks-referis tal-FIFA, assistiti minn plejers tal-Under 17, li n-Nursery tagħhom tkun qed tieħu sehem f'dawn il-Kampjonati, dan qed isir biex jingħata aktar is-sehem edukattiv tar-regolamenti f'dawn l-etajiet, biex il-plejers futuri tagħna, jkunu aktar konxi u żguri mid-deċiżjonijiet tar-referis.

Saru proġetti pilota ta' dawn il-Kampjonati biex ġew studjati ir riżultati minnhom. Ir-riżultati kienu pożittivi u dan ħareġ mill-kummenti ta' nies tekniċi, fosthom id-direttur tekniku s-sur Robert Gatt, fejn wera li f'din l-età wieħed għandu jagħti prova ta' din is-sistema, li żgur tista' tħalli riżultati pożittivi fil-progress tal-plejers tagħna, mhux biss fiżikament, imma wkoll fil-preparazzjoni mentali għal-logħba.

Ma nistgħux ngħidu li kulħadd qabel ma dawn il-proposti, iżda żgur dak kollu li ġie ssuġġerit, l-Assoċjazzjoni ma qagħditx tħares lejn uċuħ ta' Nurseries, iżda dejjem żammet







quddiem għajnejha, li dak li kienet qed tipproponi kien, li l-ewwel jiżdiedu l-ammont ta' plejers jilagħbu, it-tisħiħ tal-festivals, bil-parteċipazzjoni għan-Nurseries kollha u finalment il-bdil fil-mentalità tal-kompetizzjoni f'din l-età. Għalkemm l-element tar-rebħ huwa mportanti l-Assoċjazzjoni se tara li dan ma jkunx il-*focus* prinċipali ta' dawn il-Kampjonati, iżda kif diġà saret referenza l-edukazzjoni u l-iżvilupp psiko-fiżiku ta' kull plejer.

Is-sehem ta' solidarjetà f'dawn il-Kampjonati wkoll għandu l-aspett importanti tiegħu, għaliex barra li l-MFA qed toffri s-Centenary Stadium b'xejn għall-użu tal-festivals u l-Kampjonat, il-maġġoranza kbira tal-klabbs u n-Nurseries offrew ukoll mingħajr ħlas l-użu tal-grawnds tagħhom, saħansitra anke dawk il-klabbs li n-Nurseries tagħhom mhux ser jipparteċipaw f'dawn il-Kampjonati.

In-Nurseries huma mħeġġa biex jifhmu lkoll il-kunċett ta' dan il-proġett li huwa mifrux għall-ġid ta' kulħadd bir-riżultat finali, li flimkien insaħħu dan is-settur bażiku li huwa l-futur tal-futbol Malti.

## Jiġi mniedi uffiċjalment il-Kampjonat tal-Under 13 għan-Nurseries

It-tnedija festivals tal-U/13 saret nhar, il-Ħamis, 5 ta' Mejju, 2011, fis-Centenary Hall, fejn kienu mistiedna n-Nurseries flimkien mal-*head coaches* u l-kowċis. Il-president tal-Assoċjazzjoni, Fr. Hilary Tagliaferro, beda d-diskors tiegħu billi għamel aċċen għal dak li kien isir fiż-żmien l-1980, meta beda t-twaqqif ta' l-iskema "Inħobb il-Futbol" fejn għal dawn il-kampjonati wkoll inżamm dan l-istess isem.

Fr. Hilary irringrazzja lill-MFA għall-investiment u l-importanza li kienet qed tagħti lejn il-settur taż-żgħar. Irringrazzja wkoll lill-eks-referis ħafna minnhom eks-FIFA referis, li kienu qablu li jikkontrollaw ħafna mil-logħob f'dawn il-Kampjonati. Ringrazzjament ieħor mar lejn in-Nurseries li flimkien mal-MFA, urew sens ta' solidarjetà billi offrew il-grawnds fejn se jinżammu dawn il-Kampjonati mingħajr ebda ħlas.

Is-segretarju tal-Assoċjazzjoni, Joe Micallef, fil-preżentazzjoni tiegħu, spjega fid-dettal bi statistika u rapporti, kif l-Assoċjazzjoni waslet għall-konklużjoni tal-proposta ta' dawn il-Kampjonati, wara diversi konsultazzjonijiet mad-diversi partijiet involuti.

Is-sur Robert Gatt, direttur tekniku tal-MFA ippreżenta diversi azzjonijiet miġbura waqt proġett pilota li sar bħala parti minn studju biex wieħed seta' jara d-differenzi tekniċi meta jintużaw spazji akbar fejn jilagħbu t-tfal. Is-CEO tal-MFA, is-sur Bjorn Vassallo, fid-diskors tiegħu għamel aċċenn li wara biss ftit xhur tal-amministrazzjoni l-ġdida, kif kien imwiegħed l-MFA qed tagħti mportanza lis-settur taż-Żgħar, huwa fisser kif dawn ir-riformi flimkien ma oħrajn u bit-tisħiħ ta' ftuħ ta' aktar faċilitajiet, kollha kienu mezzi mportanti biex jitkabbar il-progress f'din il-faxxa tal-futbol li huwa l-futur tal-futbol Malti.

Is-Sur Norman Darmanin Demajo, president tal-Malta Football Association, għalaq din it-tnedija billi fid-diskors tiegħu fakkar li s-suċċess miksub minn kull Nursery ma għandux ikun dak ta' kemm Nursery tirbaħ tazzi jew unuri matul l-istaġun iżda saħaq fuq il-parteċipazzjoni u l-investiment sħiħ fit-tkabbir komplet ta' kull tifel fin-Nursery. Il-president qal li l-Assoċjazzjoni kienet qed tinvesti flejjes kbar fi grawnds u faċilitajiet li dawn kollha jgħinu biex it-tfal fin-Nurseries ikollhom faċilitajiet ta' livell xieraq.













*It-tliet preżentaturi tal-Malta Football Awards - Catherine Xuereb, Simon Farrugia u Rodney Vassallo*

# Okkażjoni speċjali ... b'mod speċjali

Kollox beda eżattament disa' snin ilu meta grupp ta' ġurnalisti lokali ġiethom l-idea li jorganizzaw serata li fiha jiġu ppremjati il-plejers tal-futbol lokali wara staġun sħiħ ta' impenn u sagrifiċċju.

L-ewwel edizzjoni tal-Malta Football Awards ġabet magħha attività partikolari fejn ġiet organizzata serata li fiha minflok ġew ippremjati kantanti, mudelli u artisti oħra, ġew ippremjati plejers tal-futbol. Innovazzjoni ġdida u unika għal dak iż-żmien kienet li l-ebda plejer jew uffiċjal involut fil-logħba tal futbol qatt ma kien basar u ħolom li kien se jiġi ppremjat f'attività daqshekk kbira fuq skala nazzjonali.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, din l-attività baqgħet tkun organizzata sena wara sena minn Sandro Micallef u t-tim tiegħu ta' nies ħabrieka, biex issa l-Malta Football Awards daħlu fil-kalendarju mhux biss tal-futol lokali iżda fil-kalendarju wiesa' tal-isport lokali. Matul id-disa' edizzjonijiet preċedenti, mhux kollox kien ward u żahar hekk kif dawn l-awards qanqlu saħansitra kontroversja matul is-snin. Fost l-oħrajn, wieħed isemmi, li fl-ewwel żewġ edizzjonijiet kien hemm min oġġezzjona biex ma jingħatax l-Award tal-paprata tal-istaġun.

Ftit tas-snin wara, il-kumitat organizzattiv ġie ffaċċjat b'ostaklu ieħor, meta ġie biex jikkonferma l-Awards tal-aħjar referi u assistent referi tal-istaġun rispettivament. Però, grazzi għar-relazzjoni tajba li kienet teżisti u għadha tezisti mal-amminstrazzjoni tal-Malta Football Association u anki grazzi għad-determinazzjoni tal-kumitat organizzattiv, dawn l-ostakli ġew megħluba u permezz ta' ftehim bejn iż-żewġ naħat ġiet irrangata s-sitwazzjoni.

Ta' min isemmi li l-GO Malta Football Awards anke f'din l-Għaxar Edizzjoni li ġiet organizzata, fil-25 ta' Mejju, kienu approvati b'mod unanimu mill-Eżekuttiv tal-MFA. Minkejja li f'dawn l-awards jingħata award partikolari - dak tal-Aqwa plejer Malti, Events Services, il-kumpanija li torganizza din l-attività tirrikonoxxi li l-unur prinċipali fil-futbol Malti jibqa' dak mogħti mill-MFA li jingħata fi tmiem kull staġun.

Attivitajiet simili organizzati fuq skala nazzjonali ta' sikwit iġibu magħhom kontroversja dwar is-sistema tal-votazzjoni. Mhux il-każ fil-Malta Football Awards, hekk kif jeżisti ftehim bejn dawk kollha involuti f'din il-logħba dwar min jista' jivvota u kif issir is-sistema tal-votazzjoni.

Għal din l-Għaxar Edizzjoni se terġa' tiġi użata s-sistema fejn għall-Awards relatati mal-Kampjonat Premier ( L-Aqwa Gowlkiper, l-Aqwa Difensur, L-Aqwa Midfielder, L-Aqwa Attakkant, L-Aqwa Kowċ, L-Aqwa Plejer Malti, L-Aqwa Plejer Barrani u l-Aktar Żagħżugħ Promettenti, jivvotaw għalihom mas-sittin ġurnalist li jsegwu l-Kampjonat Premier u tliet voti lil kull klabb li jitqassmu mal-presidenti, kowċis u captains.




# The Gram Collection Replay Gala Night

**It-Tlieta, 7 ta' Ġunju, fit-8.30 p.m., LIVE fuq Net TV**

Hekk kif ġie fi tmiemu l-istaġun tal-futbol, id-dilettanti kollha jistennew bil-ħerqa min se jkunu dawk il-plejers u l-kowċis li se jkunu ppremjati wara staġun sħiħ ta' xogħol u tensjoni.

Kienu ħafna dawk li jħobbu l-futbol lokali u dak internazzjonli li kull nhar ta' Ħadd filgħaxija segwew b'interess il-programm sportiv il-11-il edizzjoni ta' Net Television, *Replay*.

Dan il-programm bi produzzjoni tal-aħwa ġurnalisti, Ġorġ u Christian, wassal l-emozzjonijiet kollha tal-BOV Kampjonat Premier mill-bidu sal-aħħar. Ma naqsux il-kontroversji u l-opinjonijiet imħallta tal-mistiedna tal-programm ta' kull ġimgħa kienu jagħmlu l-programm mill-aktar interessanti fil-kontenut tiegħu. Kien għalhekk li dan l-istaġun, Replay kellu s-sehem tiegħu ta' żewġ residenti, Hugh Caruana u Konrad Sultana, li bil-karattru u l-kariżma tagħhom komplew iqajmu d-diskussjoni fost id-dilettanti tal-futbol domestiku.

Għaldaqstant, nhar it-Tlieta, 7 ta' Ġunju, li ġej, Media.Link Communications se jorganizza r-raba' edizzjoni ta' **The Gram Collections Replay Gala Night** biex jiġu onorati diversi plejers li bbrillaw matul dan l-istaġun.

F'konferenza tal-aħbarijiet li saret fil-preżenza tas-Sur Antoine Portelli (Teżorier tal-MFA), Ms Louiselle Vassallo (Manager tax-Xandir ta' Media.Link Communications) u Ms Sarah Agius (preżentatriċi ta' *Replay*), Christian Micallef qal li dawn l-awards se jagħtuhom l-opportunità biex jonoraw lil dawk il-plejers li ddistingwew lilhom infushom matul l-istaġun. Min-naħa tiegħu, Ġorġ fisser il-proċedura tal-proċess tal-voti.

Novità ġdida hija li għall-ewwel darba se jintgħażel it-tim tas-sena li se jkun magħżul minn votazzjoni (għall-aħjar plejer f'kull pożizzjoni) tal-għaxar kowċis li mexxew lit-timijiet rispettivi fil-Kampjonat Premier.

**L-unuri kollha li se jingħataw waqt din is-serata huma:**

Best Overall Player
Best Local Player
Best Foreign Player
Best Coach
Best Goalkeeper
Best Defender
Best Midfielder
Best Forward
Best Referee
Premier League Best XI
Top Star Player Award
Top Star Coach Award
Young Star Player Award
Best First Division Player
Best Female Player
Best U/17 Player
Best Club Website
Lifetime Achievement Awards
Viewers' Choice Award – Player of the Year (Il-pubbliku jista' jivvota b'sms bl-isem tal-plejer fuq 50617091)

Din is-serata se tixxandar diretta fuq Net TV, fit-8.30 p.m. u se tkun ippreżentata minn Charles Saliba u Louise Tedesco.







**DECORATIVE TURF**

**FENCE AND NETTING**







**FLOOD LIGHTING**

**RUBBER FLOORING**





**TURF TYPES**







389 Sports Systems Ltd.

Omni Turf THREE EIGHT NINE

LIMONTA SPORT

INFILLPROTP newgrass DELUXE SOCCERPRO

E: 389@onvol.net T: 2144 6449 W: www.389.com.mt A: 22/26 Dun Xand Cortis Street; Birkirkara - Malta


Mqabba F.C.
MQABBA F.C. 1957
BACK
Promossi fil-Kampjont Premier




# Malta tirreġistra l-ewwel

It-tim Malti tar-rugby irreġistra l-ewwel rebħa f'Diviżjoni 2A tat-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej meta għeleb lill-Kroazja bl-iskor ta' 21-14 biex b'hekk żamm it-tamiet tiegħu ħajjin li jsalva postu f'din id-diviżjoni.

Fl-ewwel taqsima l-Maltin gawdew ħafna mill-inizjattiva u marru fil-vantaġġ minn penalti ta' James O'Brien fit-18-il minuta biex fil-35 minuta l-Maltin żiedu l-vantaġġ permezz ta' try ta' Luke Watts u conversion ta' O'Brien għal skor ta' 8-0.

Iżda lejn tmiem it-taqsima l-Kroati wettqu reazzjoni u rnexxielhom inaqqsu d-distakk għal punt bi try u conversion ta' Tonci Bucov u Dusan Hakaraia.

Il-Maltin reġgħu ħarġu tajjeb fit-tieni taqsima u aggressivi biex wara ħames minuti kabbru l-vantaġġ għal 15-7 minn try ta' Matthew Camilleri u conversion ta' O'Brien, b'dan tal-aħħar kompla kabbar il-vantaġġ b'sitt punti minn żewġ penalties għal skor ta' 21-7.

Fl-aħħar minuti l-Maltin lagħbu bi plejer inqas meta tkeċċa James Kirk, bil-Kroati japprofittaw bi try ta' Miroslav Mandic u conversion ta' Hakaraia.

Iżda minkejja l-iżvantaġġ numeriku l-Maltin għarfu jikkontrollaw biex kisbu rebħa meritatata ta' 21-14 biex bagħtu lill-partitarji Maltin kuntenti lejn id-dar li telgħu bi ħġarhom fil-Hibernians Stadium jagħtu l-appoġġ tagħhom.

Il-formazzjoni Maltija kienet K. Mason, H. Collins, A. Livesey, L. Watts, C. Cassar, J. Howland; P. Calgaro, C. Sammut, T. Holloway, R. Holloway, O. Sacco, D. Busuttil, J. Kirk, M. Camilleri, J. O'Brien.


















**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Litwanja | 3 | 2 | 0 | 1 | 88 | 35 | 10 |
| Svezja | 2 | 2 | 0 | 0 | 58 | 35 | 9 |
| Malta | 3 | 1 | 0 | 2 | 53 | 56 | 7 |
| Latvja | 3 | 1 | 0 | 2 | 48 | 97 | 6 |
| Kroazja | 3 | 1 | 0 | 2 | 41 | 65 | 5 |

*Ritratti: Azzjonijiet mil-logħba bejn Malta u Kroazja*





# William Chetcuti jibqa' sod fil-mira

**isir champion tad-dinja**

**jirbaħ il-kwalifikazzjoni għal-Logħob Olimpiku tas-sena d-dieħla**

**jirbaħ il-Gran Premio Internazionale tal-Italja**

It-tiratur Malti William Chetcuti, sar champion tad-dinja tad-double trap meta, fl-aħħar ġimgħa ta' April li għadda, rebaħ il-kompetizzjoni mondjali tal-ISSF li saret, f'Beijing, iċ-Ċina biex irnexxielu wkoll jikseb il-kwalifikazzjoni awtomatika għall-Olimpjadi tas-sena d-dieħla li se jsiru, f'Londra.

B'kollox f'din il-kompetizzjoni ħadu sehem 48 tiratur fejn sparaw fuq tliet rawnds ta' 50 plattina 'l wieħed fejn Chetcuti laqat total ta' 141 plattina (46, 46, 49).

B'dan it-total ta' punti huwa kien qed jokkupa r-raba' post wara t-tiraturi - l-Isvediż Hakan Dahlby b'143 plattina (46, 49, 48) u l-Indjan Ronjan Sodhi (46, 48, 48) u r-Russu Vasily Mosin (48, 46, 48) li laqtu 142 plattina kull wieħed.

Fil-ħames post spiċċa r-Russu Vitaly Fokeev - 141 (46, 47, 48) segwit miċ-Ċiniż Jun Li - 140 (44, 49, 47).

Fil-barrage finali, it-tiratur Malti kien f'forma stupenda hekk kif minn 50 plattina laqat 44 plattina għal total ta' 185 bil-konsegwenza li spiċċa fl-ewwel post u għaldaqstant champion tad-dinja.

Kien nhar it-Tlieta, 26 ta' April, li Chetcuti rritorna Malta fejn ingħata merħba sabiħa fl-ajruport.

F'kumment lill-istampa Maltija, Chetcuti qal li kien ilu jipprepara għal dan is-suċċess kif ukoll għall-kwota biex kiseb il-kwalifikazzjoni awtomatika għal-Logħob Olimpiku. Fil-kompetizzjoni ħassu rilassat ħafna biex irnexxielu jissupera kull ostaklu u eventwalment rnexxielu wkoll jikkontrolla l-pressjoni u l-emozzjonijiet li ġġib magħha din il-kompetizzjoni.

Barra minn hekk, fit-8 ta' Mejju, Chetcuti kiseb suċċess internazzjonali ieħor meta rebaħ il-Gran Premio Internazionale tal-Italja (tad-Double Trap) organizzat mill-FITAV, f'Umbriaverde, li fiha ħadu sehem minn fost l-aqwa tiraturi fid-dinja kif ukoll rebbieħa ta' midalji Olimpiċi.

Fl-ewwel rawnd huwa laqat 143 plattina minn massimu ta' 150 biex fil-barrage finali laqat 48 plattina minn total ta' 50 għal skor finali ta' 193.

Fit-tieni post spiċa r-Russu Vasely Mosin (145+45=190) segwit mill-Ungeriż Richard Bognor (140+48=188).



*William Chetcuti (fin-nofs) maż-żewġ tiraturi, l-Indjan Ronjan Sodhi u ċ-Ċiniż Jun Li*







William Chetcuti fl-azzjoni



William Chetcuti jingħata merħba sabiħa mal-wasla tiegħu fl-ajruport




William Chetcuti waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fil-Kwartieri Ġenerali tal-MSSF

# Milan Champions għal-18-il darba



# Man UTd. b'rekord ta' 19-il rebħ tal-Kampjonat






kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Websajt ġdida għall-Kunsill Malti għall-iSport

www.sportmalta.org.mt hi l-websajt il-ġdida tal-Kunsill Malti għall-iSport. Din il-websajt kienet imnedija waqt konferenza tal-aħbarijiet indirizzata miċ-Chairman tal-KMS Bernard Vassallo. Dan is-sit elettroniku hu wieħed interattiv għall-aħħar u jipprovdi funzjonalità u navigabbiltà akbar għall-viżitaturi li jridu jkunu jafu bl-aħħar aħbarijiet u informazzjoni marbuta max-xogħol u l-ħidma tal-KMS.

Vassallo spjega l-kontenut ta' din il-websajt u tenna kif issa huwa aktar faċli sabiex il-pubbliku jsib l-aħħar informazzjoni b'mod faċli permezz ta' *menus* apposta li jinstabu *online*. Din il-websajt il-ġdida toffri dehra friska u firxa ta' servizzi ġodda għal dawk kollha li jżuru dan is-sit fuq l-internet. Minbarra aħbarijiet aġġornati, www.spormalta.org.mt toffri mezz dirett ta' aċċess għall-informazzjoni dwar servizzi, programmi, akkademji, skemi ta' assistenza u l-faċilitajiet kollha offruti mill-KMS.

Din il-websajt il-ġdida tipprovdi aċċess għal dawk kollha li jkunu jridu jirreġistraw online għall-programmi sportivi u skemi differenti ta' għajnuna li joffri l-KMS. L-istess sit jipprovdi informazzjoni dwar postijiet ta' xogħol vakanti li jaf ikun hemm fil-KMS.




Fl-istess waqt wieħed jista' jikseb informazzjoni u saħansitra jagħmel pagamenti online, ikollu informazzjoni dwar *tenders* tal-KMS jew saħansitra jissottometti kwotazzjonijiet.

Servizz ieħor ġdid li qed joffri l-KMS permezz ta' dan is-sit elettroniku hu d-direttorju *online*, b'dettalji relevanti tal-entitajiet sportivi li huma reġistrati mal-KMS. Kull min jidħol f'din is-sezzjoni tal-websajt isib aġġornament tal-attivitajiet organizzati mill-KMS u mill-entitajiet affiljati fil-KMS. Wieħed jista' jikseb aktar informazzjoni dwar dixxiplini sportivi differenti u avvenimenti li jkunu qed jiġu organizzati permezz tas-sezzjoni *media on-demand* li tipprovdi l-programmi kollha mis-sensiela *KMS Sportlink*, li jixxandar fuq TVM kull nhar ta' Tlieta fil-5.30 p.m. Dan biex ma nsemmux l-istqarrijiet għall-istampa u clips awdjo-viżivi li huma aċċessibbli għal kulħadd permezz ta' www.spormalta.org.mt .



# Sena ta' suċċess għall-Akkademja tal-Gowlkipers imwaqqfa mill-KMS







Fil-futbol, il-gowlkiper għandu rwol importanti u indispensabbli f'tim. Waqt partita, plejers f'pożizzjonijiet oħra jafu jagħmlu żball li malajr jintesa jew jinħafer madankollu meta gowlkiper jiżbalja x'aktarx jispiċċa jħallas prezz aktar qares minn kull membru ieħor fit-tim tiegħu u jkollu jiġbor il-ballun mix-xibka ta' warajh. Illum il-kowċis tal-futbol jirrikonoxxu li jekk ikollok gowlkiper ta' livell fit-tim tiegħek dan jista' jgħinek tikseb suċċess b'mod aktar faċli. Teżisti linja rqiqa bejn is-suċċess u l-falliment u gowlkiper jaf jagħmel id-differenza kollha f'dan ir-rigward.

Sabiex it-tfal isiru gowlkipers tajba hu meħtieġ li jkollhom tagħlim tajjeb u din l-edukazzjoni tibda minn età tenera ta' disa' snin. It-tfal għandhom ikunu mgħejjuna jieħdu deċiżjoni dwar x'pożizzjoni jixtiequ jilagħbu fl-età ta' bejn sitt snin u tmien snin. Wara dan il-perjodu, it-tfal li jagħżlu r-rwol ta' gowlkipers jibdew iħaddnu abbiltajiet ġodda li jgħinuhom jikbru fil-logħba tal-futbol.

Il-Kunsill Malti għall-iSport ħaseb sabiex iwaqqaf akkademja speċjalizzata għall-gowlkipers tal-futbol u li tgħin fl-iżvilupp tat-tfal taħt il-gwida tal-eks gowlkiper internazzjonali Malti Saviour Darmanin. Dan kien l-ewwel staġun ta' din l-akkademja u meta wieħed iħares lejn in-numru ta' parteċipanti li kien hemm malajr tinnota kemm il-ħsieb oriġinali li titwaqqaf skola għall-gowlkipers kienet suċċess u diġà bdiet tħalli riżultati sbieħ.

Bħala *head coach* ta' din l-akkademja, Darmanin kellu żewġ kowċis oħra jgħinuh. Kull ġimgħa kienu qed jiġu organizzati żewġ sessjonijiet fil-Kulleġġ ta' San Ignazju f'Ħal Qormi – sessjoni għaż-żgħar u oħra għal parteċipanti aktar kbar. It-taħriġ f'kull sessjoni kien wieħed differenti u bl-għajnuna tal-kowċis li jmexxu din l-iskola, il-gowlkipers komplew itejbu l-ħiliet tagħhom bejn il-lasti.

Fost it-tfal żgħar kien ta' pjaċir li wieħed jinnota l-progress u s-suċċess li qed jagħmlu ħafna gowlkipers fosthom Timmy Aquilina li lagħab f'tournament internazzjonali u ħalla impressjoni tajba tant li rebaħ l-aqwa gowlkiper ta' dan it-tournament. Minbarra Aquilina hemm tfal oħra li qed iħallu impressjoni tajba u qed jgħinu lill-klabbs rispettivi tagħhom jiksbu suċċess fil-kampjonat rispettiv tagħhom. Dan kollu jikkonferma s-sehem tal-kowċis f'din l-Akkademja u l-ġid li qed joħroġ permezz tat-twaqqif tagħha.

Fil-grupp tal-gowlkipers ta' età akbar hemm ismijiet li diġà qed iħallu impatt f'diviżjonijiet tal-MFA fosthom il-gowlkiper żagħżugħ Julian Azzopardi li kellu staġun tajjeb ma' Naxxar Lions u għen lit-tim tiegħu jikseb il-promozzjoni mit-tieni għall-ewwel diviżjoni. Azzopardi kien saħansitra magħżul biex jilgħab il-partiti kollha mat-tim nazzjonali tal-amateurs.

L-għan ta' din l-Akkademja jibqa' dak li jgħinu gowlkipers minn età żgħira itejbu l-ħiliet u l-abiltajiet tagħhom meta jkunu qed jilagħbu bejn il-lasti. Il-futur ta' din l-akkademja jidher wieħed sabiħ partikolarment meta wieħed josserva l-entużjażmu li hemm fost it-tfal u l-parteċipanti kollha taħt it-tmexxija tal-kowċis u l-head coach tal-Akkademja Saviour Darmanin, li għandu esperjenza kbira f'dan is-settur u jippossjedi l-liċenzja 'A' tal-UEFA.




# L-aħħar preparamenti għall-programm *Summer on the Move*

Is-Sajf dalwaqt magħna u l-Kunsill Malti għall-iSport se jkun qed jerġa' jorganizza l-programm speċjalizzat għal dan l-istaġun tas-sena bl-isem ta' *Summer on the Move*. Dan il-programm jagħti opportunità unika sabiex it-tfal ta' kull età jipprattikaw dixxiplini sportivi li normalment ma jkollhomx iċ-ċans li jippratikaw matul il-vaganzi tas-sajf.

Fis-Sajf, 2004, il-KMS ta bidu għal dan il-programm biex ħa post programm ieħor li kien qed ikun organizzat sa dak iż-żmien bl-isem ta' *Skolasajf*. Sfortunatament il-parteċipazzjoni f'*Skolasajf* kienet qed tkun fqira peress li l-lezzjonijiet tal-għawm kienu organizzati fil-*pitches* tal-klabbs tal-waterpolo u ħafna drabi dawn kienu jkunu infestati bil-bram u tniġġis. Aktar minn hekk, f'dak iż-żmien kien hemm nuqqas ta' faċilitajiet sportivi u dan kompla jagħmilha diffiċli sabiex ikunu organizzati attivitajiet sportivi ta' kull xorta.

Fl-2004, il-KMS beda jagħmel użu minn żewġ kumplessi sportivi differenti, fil-Kottonera u f'Tal-Qroqq, kif ukoll l-estensjoni tal-Pixxina Nazzjonali. B'dan il-mod it-tfal ta' kull età kien qed ikollhom iċ-ċans li jagħżlu l-ġranet l-aktar konvenjenti għalihom sabiex iqattgħu ftit mill-ħin tagħhom jipprattikaw dixxiplini sportivi differenti. Kien għalhekk li l-KMS fassal programm interessanti li jħajjar lit-tfal ta' età differenti sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet fiżiċi u ta' rikreazzjoni waqt il-btajjel tas-Sajf b'enfasi fuq l-għawm. Dan kollu għen sabiex il-programm *Summer on the Move* ikun ta' suċċess fost it-tfal li jattendu minn Sajf għall-ieħor.

### Il-Kumpless Sportiv tal-Kottonera

**Età: Bejn 4 snin u 6-il sena**
**Ħin: 9.00 a.m. – 12.00 p.m.**

Il-programm f'dan il-kumpless jinkludi attivitajiet tal-għawm, logħob fuq ġewwa u attivitajiet fuq barra.

### Sessjonijiet fiżiċi għall-Adulti

**Ħin: 11.00 a.m. – 12.00 p.m.**

Din hija sessjoni partikolari li ssir darba fil-ġimgħa għall-adulti fil-Kumpless tal-Kottonera. Is-sessjoni tkun nhar ta' Erbgħa u l-attivitajiet organizzati jvarjaw u jinkludu Yoga, Aerobics, Oriental Fitness u Dance Fitness.

### Il-Kumpless Sportiv f'Tal-Qroqq

**Età: Bejn 4 snin u 16-il sena**
**Ħin: 8.30 a.m. – 12.30 p.m.**

Dan il-programm jinkludi sessjonijiet tal-għawm li jsiru kmieni filgħodu waqt li jkunu segwiti minn sessjonijiet oħra ta' sagħtejn b'attivitajiet sportivi fuq ġewwa.

### Adventure Programme

**Età: Bejn 13-il sena u 16-il sena**

Dan il-programm partikolari hu maqsum fuq jumejn u jinkludi attivitajiet fuq ġewwa u fuq barra bħal ma huma ċ-ċikliżmu, *kayaking*, *karting*, *orienteering*, *scuba diving*, *abseiling*, logħob ta' fuq il-bajja u aktar. Is-sessjonijiet li jsiru fuq ġewwa jgħinu sabiex wieħed isaħħaħ l-abilitajiet meħtieġa għall-attivitajiet sportivi ta' avventura.














# Il-KMS Sport Promotion Unit b'aktar inizjattivi fl-aħħar ġimgħat

### Ibburdjar

**Età: Bejn 9 snin u 16-il sena**

It-tfal ta' din l-età u li ġejjin mit-Tramuntana ta' Malta jistgħu jattendu l-attivitajiet marbuta mal-ibburdjar fil-klabb tal-Vikings fil-Belt Valletta, waqt li t-tfal li ġejjin min-nofsinhar ta' Malta jattendu l-klabb tal-ibburdjar li hemm f'Birżebbuġa. Dawn is-sessjonijiet isiru darba fil-ġimgħa matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu.

### Canoeing

**Età: Bejn 10 snin u 16-il sena**
**Ħin: 3.00 p.m. – 4.30 p.m.**

Il-lezzjonijiet tal-canoeing huma organizzati bis-sehem u l-għajnuna tal-Malta Canoe Racing Club li jinsab fl-Msida. Dan hu programm ta' jumejn immirat għal dawk li għadhom se jibdew dan l-isport.

### Sessjonijiet tal-Għawm

**Ħin: 10.30 a.m. – 12.00 p.m.**

Dan hu programm miftuħ kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri tagħhom li jkunu jixtiequ jingħaqdu mat-tfal tagħhom fis-sessjonijiet ta' darba f'ġimgħa.

Illum il-KMS jista' jgħid li jorganizza l-akbar skola tas-Sajf f'pajjiżna waqt li joffri varjetà ta' attivitajiet sportivi kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa. *Summer on the Move* idum għaddej għal tmien ġimgħat sħaħ u l-vantaġġ tiegħu hu li jagħmel enfasi fuq attivitajiet sportivi biss. B'dan il-mod din l-iskola tkun qed tgħin fl-iżvilupp tat-tfal waqt li tgħinhom jgħixu ħajja aktar b'saħħitha. Is-sessjonijiet huma flessibbli ħafna u dan jgħin sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jagħżlu l-aħjar ġranet skont il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom.

Għall-ewwel darba, Kellogg's hija l-isponsor ewlieni ta' Summer On The Move. Kellogg's tgħin lit-tfal ikollhom dieta bilanċjata flimkien ma' stil ta' ħajja attiva u b'saħħitha.





Bħal kull xahar, l-Isports Promotion Unit (SPU) fi ħdan il-KMS organizza diversi attivitajiet fl-iskejjel Maltin fejn, bla dubju, l-akbar avveniment kien il-Festival ta' żfin organizzat f'kollaborazzjoni mal-Malta Dance Sport Association.

L-iskejjel li ħadu sehem kienu: St Francis Sliema, Primarja Qormi San Gorg, St Dorothy's Zebbug, Siggiewi Primary, St Monica Gzira, Gozo Conservatory, Maria Assumpta, Skola Primarja Zabbar, St. Joseph Sliema, Sir Adrian Dingli Girls Junior Lyceum, Skola Primarja Qormi San Bastjan, Lilly of the Valley, Sacred Heart, Skola Sekondarja Bormla u Skola Sekondarja Mosta.

Il-programm kien varjat għall-aħħar u beda fid-9.30 a.m. u baqa' sejjer san-12.30 p.m. Bejn id-9.30 a.m. u l-9.45 a.m. kien hemm *warm-up* għall-grupp permezz ta' attività ta' Zumba filwaqt li, għan-nofs siegħa ta' wara, it-tfal setgħu jipparteċipaw f'*workshop* ferm interessanti organizzat minn Chris Zammit. Iżda ovvjament l-avveniment tal-ġurnata kienet l-opportunità għat-tfal li juru x'jafu u l-ewwel għaxar skejjel kellhom din l-okkażjoni permezz ta' wirja mill-isbaħ. Dan kien segwit b'koppji żgħar jiżfnu erba' żifniet Latini.

Wara kien hemm *workshop* ieħor li ffoka fuq il-Hip Hop filwaqt li fit-tieni *showcase* kien hemm it-tieni grupp ta' għaxar skejjel li għamlu d-dimostrazzjoni tagħhom. Kollox intemm permezz ta' sessjoni ta' egħluq għall-grupp kollu fejn kien hemm ukoll mużika stil jazz liriku bħala akkumpanjament.

Fl-aħħar tas-serata, Bernard Vassallo bħala chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, Annie Cassar bħala president tal-Malta Dancesport Association, Stephen Grima, uffiċjal edukattiv tal-Edukazzjoni Fiżika, Dr. Rose Anne Cauchi Cuschieri, direttriċi tal-iskejjel tal-knisja kif ukoll is-Sinjura Anna Maria Gilson, service manager fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi ippreżentaw ċertifikati lill-iskejjel kollha li ħadu sehem.

CANOEING

# Christopher Camilleri jaqsam l-esperjenzi tiegħu maż-żgħar



Christopher Camilleri, atleta magħruf fil-qasam tal-kenura, ta diversi pariri u struzzjonijiet teknići lit-tfal li qed jieħdu sehem fis-sessjoni tal-kenura organizzata mill-KMS Skolasport u sponsorjata mill-Kellogg's.

Finalist fl-kategorija Sportiv tas-Sena 2010, Camilleri hu isem magħruf fiċ-ċirku tal-kenura.

Camilleri ipparteċipa f'għadd ta' tlielaq internazzjonali, b'tal-aħħar tkun id-Dubaj Shamaal surfski race 2010 fejn ikklassifika fil-45 post fost 170 atleta minn 26 pajjiż differenti.

Bħala l-President tal-Malta Canoeing Racing Club (MCRC), Camilleri b'mod attiv jippromwovi l-isport bħala stil ta' ħajja għal kull eta', u peress li l-MCRC tieħu sehem fl-attivitajiet tal-KMS SkolaSport, sessjonijiet indirizzati lit-tfal huma meqjusin bħala pass l-quddiem.

"L-isport tal-kenura hu meqjus bħala l-mod ideali u sigur biex tintroduċi lit-tfal mal-isports li hu relatat mal-baħar," qal Camilleri "hu veru li xi kultant tispiċċa tieħu dik it-tixriba 'l hawn u 'l hinn, imma dak hu parti mill-gost!"

L-isport tal-kenura hu meq-jus bħala attività li għandha impatt baxx fuq il-ġogi tal-ġisem għaliex l-qdif joffri ftit li xejn resistenza, filwaqt li ttejjeb l-fitness, is-saħħa u l-flessibiltà.

Benefiċċji speċifiki jinkludu titjib kardjovaskulari, muskulatura b'mod partikolari fid-dahar, idejn, spallejn u sider.

Il-moviment li wieħed irid jagħmel biex jaqdef iżid is-saħħa fil-qafas tas-sider u riġlejn, dan għaliex il-moviment biex tmexxi l-kenura tiġi l-aktar mir-rotazzjoni tal-qafas u l-pressa tas-saqajn.

"Attivitajiet marbuta mal-kenura jistgħu jkunu paċifiki u meditattivi, il-moviment ritmiku tal-idejn joħloq effett kwai ipnotiku," żied Camilleri, "il-fatt li wieħed jista' igawdi u jesperjenza s-sbuħija tal-baħar jgħin biex jagħmel dan l-isport aktar attrajenti."

KMS SkolaSport hi organizzata mill-Kunsill Malti għall-iSport u hi sponsorjata minn Kellogg's, l-aqwa kumpanija fid-dinja li tipproduċi ċ-ċereali għall-kolazzjon u li għat-12-il sena konsekuttiva ilha tisponsorja dan il-programm bħala parti mill-impenn tagħha li tippromwovi l-benefiċċji ta' dieta' bilanċjata, flimkien ma' stil ta' ħajja attiva u b'saħħitha.

Aktar tagħrif dwar l-isport tal-kenura, kif ukoll dixxiplini sportivi oħra fil-KMS Skolasport, jista' jinkiseb mis-Sezzjoni tal-Programmi mill-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Malti gall-iSport fuq tel. 21660658/9 jew permezz ta' e-mail: programmes@sportsmalta.org.mt jew iżur il-websajt tal-KMS Skolasport: www.sportsmalta.org.mt.






# KMS Skolasport organizzat Jum ta' Divertiment b'logħob tradizzjonali









KMS Skolasport organizzat ġurnata ta' divertiment kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri tagħhom. L-attivitajiet li saru matul l-ġurnata kienu bit-tema ta' logħob klassiku u tradizzjonali Malti. Waqt li t-tfal lagħbu logħob tradizzjonali Malti bħal - il-passju, il-karretta u t-tiġrija biċ-ċirku, il-ġenituri sabu ruħhom jiftakru fit-tfulija tagħhom.

L-attività li saret fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera serviet bħala esperjenza ta' tagħlim edukattiv fil-kultura Maltija għall-parteċipanti żgħar, fejn dawn kienu ppreżentati b'logħob differenti, sempliċi imma xorta waħda ta' pjaċir.

"Dawn l-attivitajiet jgħinu lill-ġenituri jirrelataw il-logħob ta' tfulijthom ma' uliedhom," qal kowċ ta' KMS Skolasport, "xi kultant ikollna l-impressjoni li t-tfal jaħsbu li l-logħob tal-kompjuter kienu minn dejjem magħna."

KMS Skolasport, tinkoraġġixxi dawn l-attivitajiet għaliex iservu mhux biss biex jinforzaw l-għaqda tal-familja iżda jservu wkoll bħala opportunità kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Dawn l-attivitajiet huma skuża tajba biex flimkien jagħmlu eżerċizzju f'ambjent ta' tagħlim, bla periklu u fl-istess ħin ta' divertiment.

KMS SkolaSport hi organizzata mill-Kunsill Malti għall-iSport u hi sponsorjata minn Kellogg's, l-aqwa kumpanija fid-dinja li tipproduċi ċ-ċereali għall-kolazzjon u li għat-12-il sena konsekuttiva ilha tisponsorja dan il-programm bħala parti mill-impenn tagħha li tippromwovi l-benefiċċji ta' dieta bilanċjata, flimkien ma' stil ta' ħajja attiva u b'saħħitha.

Aktar tagħrif dwar id-dixxiplini sportivi offruti mill-KMS Skolasport, jista' jinkiseb mis-Sezzjoni tal-Programmi mill-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Malti għall-iSport fuq tel. 21660658/9 jew permezz ta' e-mail: programmes@sportsmalta.org.mt jew iżur il-websajt tal-KMS Skolasport: www.sportsmalta.org.mt.



# Festival ekwestriju ieħor organizzat mill-KMS









Nhar il-Ħadd 5 ta' Ġunju, il-Kunsill Malti għall-iSport flimkien mal-Malta Racing Club, il-Malta Equestrian Federation u l-Malta Polo Club se jkunu qed jorganizzaw it-tieni edizzjoni tal-Equestrian Festival li għal darb'oħra se jsir fil-korsa tal-Marsa.

Matul il-jiem li għaddew, studenti minn skejjel differenti f'Malta kellhom l-opportunità li jieħdu togħma ta' dan avveniment permezz ta' attività apposta organizzata mill-KMS fil-korsa tal-Marsa. Din l-attività saret nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju fejn l-istudenti kellhom iċ-ċans isegwu rikkieba li għadhom żgħar jikkompetu f'kompetizzjoni tat-tip *gymkhana*. Dan hu wieħed mill-avvenimenti li nsibu fl-isport taż-żwiemel u li jikkonsisti f'attività fejn il-karatteristiċi l-aktar importanti huma l-preċiżjoni, il-veloċità u l-abbiltà li ddur u tikkontrolla ż-żiemel fl-iqsar ħin possibli. F'din l-attività l-istudenti setgħu jsegwu wirja mit-tfal li jipprattikaw l-isport tal-BMX kif ukoll sessjoni ta' Zumba. L-ikbar attrazzjoni f'din ir-*road show* kienet il-preżenza taċ-champion tad-dinja tal-isparar, William Chetucti fejn l-istudenti kellhom l-opportunità jitkellmu miegħu u jistaqsuh numru ta' domandi waqt li jiksbu l-firma tiegħu.

Fil-5 ta' Ġunju, il-festival ekwestriju se jkun qed jibda mis-7.00 a.m. b'tiġrijiet tal-ponijiet u, fid-9.00 a.m., ikun hemm it-tberik tal-annimali u taż-żwiemel. Il-pubbliku preżenti għandu jistenna diversi attivitajiet f'atmosfera sabiħa u b'opportunità unika sabiex wieħed isegwi mill-viċin l-eċċitament ta' dan l-isport. Din id-dixxiplina tirrikjedi ħila u arti kbira għal kull rikkieb li jieħu sehem. Iż-żwiemel involuti f'dan l-isport huma mħarrġa biex jipparteċipaw f'tiġrijiet, logħob tal-polo, *dressage* u *vaulting* bl-għan li toħroġ il-ħila tar-rikkieb u taż-żwiemel. Għaldaqstant il-programm f'din il-ġurnata se jinkludi wkoll *dressage*, *quadrilles* bil-mużika, *gymkhana* u parata bis-sehem tar-rikkieba bil-bnadar. Se tintlgħab partita polo, sport antik li iżda m'huwiex daqshekk popolari f'pajjiżna. Wara nofs in-nhar se jkun hemm diversi tlielaq bis-sehem ta' diversi żwiemel u ponijiet ta' kull daqs.

Għal din l-attività, il-KMS qiegħed jistieden lil kulħadd sabiex jattendi u jgħix din l-esperjenza unika fil-korsa tal-Marsa. Il-bibien se jinfetħu fis-7.00 a.m. u l-attività tibqa' għaddejja sa tard wara nofsinhar. Il-pubbliku jista' jagħmel użu mill-karozzi tal-linji sabiex jasal fil-korsa tal-Marsa (numru 88, 89 u 91) u jieqaf quddiem l-uffiċċju tal-Maltapost. Dan l-avveniment qed isir bl-appoġġ u l-kollaborazzjoni tal-KMS, l-MRC, l-MEF u l-MPC.

minn Marco Farrugia
President tal-Federazzjoni Maltija Ħamiem tal-Ġiri

# Prosit liċ-champions

Dan huwa l-aħħar artiklu għal dan l-istaġun fuq dan il-magażin sportiv, hekk kif it-Tiġrijiet tal-Ħamiem ġew fil-finali tagħhom, bl-aħħar tiġrija minn Brindisi fuq distanza ta' 615 kilometri sarct, fl 20 ta' Mejju, li għadda. L-istaġun il-ġdid jissokta għall-aħħar ta' Novembru li ġej.

Nittamaw li nerġgħu nkunu ta' servizz f'dan il-magażin permezz tal-isponsors. Għaldaqstant irrid nirringrazzja, mill-qalb, lill-isponsor ewlieni tagħna - Citadel Insurance.

Nisperaw li matul dawn is-sitt xhur li għaddew, l-informazzjoni fuq it-tiġrijiet tal-ħamiem waslet għand il-qarrejja b'interess kbir biex b'hekk tgħallmu wkoll xi ħaġa dwar dan is-suġġett.

Fil-futur qrib hemm ħafna x'wieħed jista' jgħid dwar dan il-ħamiem u kif jinżamm hekk kif huwa ppjanat li jidher fil-ħarġiet ta' Novembru 2011 u Mejju 2012.

Nawguraw lil dawk id-dilettanti kollha li matul dan l-istaġun kellhom xi tip ta' suċċessi filwaqt li dawk kollha li kellhom xi diżappunti nagħmlulhom kuraġġ biex ikunu aktar pożittivi matul l-istaġun li ġej.

Bħal dan iż-żmien, id-dilettant ikun fl-aqwa tiegħu jrabbi l-bċieċen. Il-bċieċen iridu jkunu mtella' sewwa sabiex jawguraw tajjeb għall-istaġun li jmiss. Matul dan il-perijodu, il-ħamiem ikun fl-aqwa forma biex jiffjorixxi waqt dawn iż-żminijiet tar-Rebbiegħa.

It-trobbija tal-bċieċen hija meqjusa bħal dik tat-trabi - meta jfaqqas il-pil tiegħu jkun isfar kollu. Ta' sebat ijiem, jinxtiddlu ċ-ċurkett biex jibda jingħaraf min-numru. Meta jikber u jkun ippreparat għal ġiri, ta' 28 ġurnata, jitneħħa minn mal-ġenituri tiegħu u tibda d-dedikazzjoni tal-membru biex jgħallmu jtir u jidħol kif dan isejjaħlu.





L-artiklu tal-lum, huwa ntitolat *Prosit liċ-champions.* Kull meta jintemm staġun ta' kull dixxiplina sportiva, ikun magħruf iċ-champion ... u dak tat-Tiġrijiet tal-Ħamiem mhux b'inqas ... fejn ikunu magħruf iċ-champion ta' kull kategorija - l-aktar membru li jirbaħ tiġrijiet qosra minn 60 sa 180 mil, l-aktar membru li jirbaħ tiġrijiet fit-tul minn 180 sa 410 mil u l-klabb li jtella' l-akbar ammont ta' punti jkun iċ-champion ta' Malta. Għaldaqstant irrid nifraħ lir-rebbieħa.

F'ismi u f'isem il-Kunsill nixtieq nirringrazzja lill-klabbs u lill-membri kollha tal-appoġġ li wrew matul l-istaġun kollu. Inħeġġeġ ukoll biex aktar membri jagħtu s-sehem tagħhom biex dan l-isport ikompli jikber.

**The Federation of Racing Pigeons**
**sponsored by Citadel Insurance**

motor • home • travel • marine • business • life

Citadel Insurance p.l.c • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082 • Tel: 25579000 • E-mail: info@citadelplc.com
Branches: Gżira • Ħaż-Żebbuġ • Naxxar • Paola • Tied Insurance Intermediaries: Malta • Gozo
Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised to carry on general and long term business of insurance and is regulated by the MFSA.

Citadel insurance

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt



# Sliema Champions tax-Xitwa



Is-Sur Peter Perotti, chief officer fi ħdan il-Bank of Valletta jippreżenta t-trofew lill-captain ta' Sliema, John Soler

**Semi Finali**
**Neptunes Emirates..............................10**
**Sliema McDonalds..............................13**
(3-4, 2-4, 3-1, 2-4)
Referis: A. De Raffaele, A. Farrugia

**Sirens Ritter Sports..............................8**
**San Giljan Firetech..............................7**
(1-1, 2-1, 3-2, 2-3)
Referis: P. Balzan, R. Spiteri

**Il-ħames post**
**Exiles Jet Services..............................14**
**M'skala Solid Base..............................6**
(2-2, 2-1, 6-2, 4-1)
Referis: R. Spiteri, A. Farrugia

**It-tielet post**
**Neptunes Emirates..............................9**
**San Giljan Firetech..............................7**
**(4-2, 2-0, 2-2, 1-3)**
Referis: P. Balzan, S. Licari

**Finali (I)**
**Sirens Ritter Sports..............................4**
**Sliema McDonalds..............................12**
(1-3, 2-3, 0-2, 1-4)
Sirens: 1 J. Borg, 1 C. Zammit, 1 D. Zammit, 1 C. Mercieca
Sliema: 4 J. Soler, 2 M. Meli, 2 J. Spiteri Staines, 2 B. Rath, 1 D. Paolella, 1 C. Debono
Referis: M. Angileri, P. Giordano

**Finali (II)**
**Sliema McDonalds..............................13**
**Sirens Ritter Sports..............................6**
Sliema: 4 J. Soler, 3 M. Meli, 3 J. Spiteri Staines, 2 B. Rath, 1 M. Spiteri Staines
Sirens: 4 C. Mercieca, 1 C. Zammit, 1 D. Zammit
(6-1, 1-3, 4-2, 2-0)
Referis: P. Balzan, M. Dalli

## Skorers

| | |
|---|---|
| 31 | John Soler – Sliema McDonalds |
| 25 | Nicky Lanzon – Neptunes Emirates |
| 18 | Clint Mercieca – Sirens Ritter Sports |
| 15 | Jordan Camilleri - Neptunes Emirates |
| 14 | Julian Rizzo Naudi – Exiles Jet Services |
| 13 | Michele Stellini – Neptunes Emirates |
| 12 | David Pace Lupi – Exiles Jet Services |
| 12 | Charles Zammit – Sirens Ritter Sports |
| 11 | Mark Borg Spiteri – San Giljan Firetech |
| 11 | Timmy Sullivan – Exiles Jet Services |
| 10 | Karl Galea – San Giljan Firetech |

## Rebbieħa Kampjonat tax-Xitwa

| | |
|---|---|
| 1994 | Neptunes |
| 1995 | San Giljan |
| 1996 | Sliema |
| 1997 | Sirens |
| 1998 | Sliema |
| 1999 | Sliema |
| 2000 | Neptunes |
| 2001 | Sirens |
| 2002 | Neptunes |
| 2003 | Neptunes |
| 2004 | Neptunes |
| 2005 | ma sarx |
| 2006 | Neptunes |
| 2007 | Sirens |
| 2008 | Neptunes |
| 2009 | Sliema |
| 2010 | Sliema |
| 2011 | Sliema |



# Sannat Lions champions għall-10 darba

Sannat Lions, favoriti netti għas-suċċess finali f'dan l-istaġun, irrispettaw il-pronostiku meta b'bosta plajers stabiliti fit-tim huma baqgħu jgawdu l-vantaġġ f'ras il-klassifika sa mill-bidu tal-kampjonat. Fil-fatt il-bosta akkwisti li għamlu, għenhom jirbħu dan l-għaxar kampjonat tagħhom biex issa sa mill-istaġun li ġej narawhom bl-istilla fuq il-flokkijiet tagħhom.

Bejn il-lasti huma kellhom l-akkwist il-ġdid Adrian Parnis, mingħand Munxar Falcons, li minkejja l-età tenera tiegħu rnexxielu jagħmel qabża kbira ta' kwalità, liema livell tiegħu wasluh biex f'nofs l-istaġun ikun imsejjaħ fl-iskwadra tat-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena. Bħala riserva huma kellhom ukoll akkwist ġdid ieħor meta ħadu lil Curtney Mercieca mingħand Kerċem Ajax.

Fil-qalba tad-difiża akkwistaw lil Precious Monye fejn dan nissel stabbilità sħiħa fejn spiċċaw l-aħjar meta qalgħu l-inqas numru ta' gowls (14). Miegħu, f'dan id-dipartiment, kellu lill-captian Mark Muscat, Mark Formosa, Andrew Debono u lill-akkwist il-ġdid Peter Buttigieg mingħand Nadur Youngsters.

Fin-nofs, Sannat kellhom akkwisti oħrajn fejn Chris Camilleri u Elton Vella sabu appoġġ kontinwu mill-Franċiż Maurice Hongla minkejja li dan tal-aħħar kien temperementali fejn safa' mkeċċi f'aktar minn okkażjoni waħda.

Bħala attakkanti kellhom li John Camilleri u lil Eric Nwankwo fejn spiċċaw bl-aħjar attakk b'46 gowl favur tagħhom. John Camilleri spiċċa wkoll bħala l-aqwa skorer tal-kampjonat bi 18-il gowl. Plejers oħrajn li taw is-sehem tagħhom f'dan is-suċċess tal-Lions kienu Eman Bugeja, Frank Debono, Fernando De Andrade, Paul Spiteri, Ruben Farrugia, Nicholas Micallef, Christopher Mercieca, Josiah Buttigieg, Nathaniel Gatt, Franco Azzopardi u Andrew Mizzi.

Huma kienu mmexxija minn Patrick Vassallo assistit minn Giovan Bugeja fejn f'nofs l-kampjonat kien dan tal-aħħar li ħa t-tmexxija tat-tim taħt il-gwida tal-President Teddy Bajada.

Sannat, madankollu, nistgħu ngħidu li rriskjaw xi ftit meta ħadu żewġ draws konsekuttivi kontra t-timijiet Rabtin biex għal mument il-kampjonat kien ħa bixra iktar interessanti. Iżda l-Lions kienu determinati li ma jfallux bl-investiment qawwi li kienu għamlu biex ġustament huma laħqu l-objjettiv aħħari tagħhom.

Għal darb'oħra Għajnsielem reġgħu spiċċaw fit-tieni post, għat-tielet staġun konsekuttiv. Is-sodisfazzjon tagħhom kien dak li kienu huma li rebħu darbtejn liċ-champions il-ġodda. Warajhom fit-tielet post spiċċaw Nadur Youngsters, segwiti minn Victoria Hotspurs u SK Victoria Wanderers. Xewkija Tigers, min-naħa tagħhom, żammew posthom mal-kbar wara li rebħu b'mod konvinċenti l-logħba deċiżiva kontra Żebbuġ Rovers. Relegati wara staġun wieħed mal-kbar, St. Lawrence Spurs li baqgħu kważi jittamaw sal-aħħar li jistgħu jsalvaw.

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sannat L. | 18 | 12 | 4 | 2 | 46 | 14 | 40 |
| Għajnsielem | 18 | 11 | 4 | 3 | 28 | 18 | 37 |
| Nadur Y. | 18 | 10 | 2 | 6 | 38 | 25 | 32 |
| Victoria H. | 18 | 6 | 4 | 8 | 33 | 37 | 22 |
| SK Victoria | 18 | 5 | 5 | 8 | 23 | 32 | 20 |
| Xewkija T. | 18 | 4 | 2 | 12 | 18 | 34 | 14 |
| St. Lawrence | 18 | 4 | 1 | 13 | 19 | 45 | 13 |

** Xewkija T. żammew posthom fl-I Diviżjoni wara li għelbu lil Zebbug Rovers, bl-iskor ta' 5-0, fil-logħba deċiżiva*

** St. Lawrence S. relegati*





minn Joe Bajada

## Ċikliżmu - Tour ta' Malta

# It-Taljani jiddominaw f'Għawdex... Andrew Griffths jispiċċa rebbieħ tat-Tour b'sekonda



Andrew Griffiths rebbieħa tat-Tour ta' Malta

Iċ-ċiklisti Taljani ddominaw anke fit-tielet tappa tal-Betfair Tour ta' Malta, li saret fuq iċ-ċirkwit tan-Nadur, Għawdex, waqt li ċ-ċiklista ta' dixxiddenza Maltija Andrew Griffiths (Greens Cycling Club) seta' jispiċċa biss fid-disa' post biex ċeda l-flokk l-aħmar tal-leader lil Matthew Higgins.

Fin-Nadur minkejja li r-riħ kien xi ftit qawwi, it-tiġrija kienet ferm veloċi, speċjalment min-naħa taċ-ċiklisti ewlenin. Andrew Griffiths ma żammx il-pass maċ-ċiklisti ta' quddiem, bil-grupp ewlieni magħmul minn sitt ċiklisti, fejn spiċċa fid-disa' post, kważi żewġ minuti wara dawk ta' quddiem.

Għalhekk, dan swielu l-flokk l-aħmar biex il-leader il-ġdid sar l-Ingliż Matthew Higgins (Virgin Active UK). Il-ħin ta' Higgins kien l-istess bħal dak tal-ewwel tlieta, bi Francesco Guccione (Ballatore Team), Gregory Bianchi (Fausto Coppi Team) u Filippo Ballatore (Ballatore Team), jingħataw l-istess ħin ta' siegħa, 34 minuta u 59 sekonda. Andrew Higgins b'hekk sar il-leader b'ħin aggregate ta' erba' siegħat u 36 minuta, jiġifieri 31 sekonda qabel Griffiths u 41 sekonda qabel Bianchi.

Fil-kategorija tan-Nisa, kompliet it-taqtiegħa bejn Anna Harkowska (CSM Team Berlin) u Michela Gorini (Fausto Coppi Team) li żammew flimkien tul il-korsa kollha sakemm fl-isprint finali, Gorini irnexxielha tissupera lil Harkowska u tirregistra ħin ta' siegħa, seba' minuti u 53 sekonda. Sarah Maidment (Squadra Donne UK ) spiċċat it-tielet kważi żewġ minuti wara l-ewwel tnejn. Madankollu Harkowska żammet il-flokk l-aħmar bħala l-leader tal-klassifika.

Il-kategorija Masters ukoll kienet iddominata minn ċiklisti Taljani bi Stefano Baggiani (Fausto Coppi Team) l-ewwel, Salvatore Casi (ASD Omina Ragusa) it-tieni, u Ettore Pierini (BMG Bike) it-tielet, kollha f'ħin ta' 57 minuta u 5 sekondi. L-Onorevoli Frederick Azzopardi u s-Sur Joe Bajada ippreżentaw il-premjijiet fi tmiem it-tappa, akkumpanjati mis-Sur John Zammit, iċ-Chairman tal-Kumitat Organizzattiv, u Antonia Vella Gatt, Miss Betfair Tour ta' Malta 2011.

B'hekk kollox sar jiddependi mir-raba' u l-aħħar ġurnata li kienet time trial individwali fuq 12 il-kilometru fil-By Pass f'Ħaż-Żebbuġ. Hawn Andrew Griffiths wera l-potenzjal tiegħu meta spiċċa l-ewwel bi 32 sekonda aħjar mill-Britanniku Matthew Higgins (Virgin Active UK), sekonda biss iktar biex kien inkurunat bħala r-rebbieħ tas-17-il Edizzjoni tal-Betfair Tour ta' Malta .

Anna Harkowska (CSM Team) żammet l-ewwel post fil-kategorija tan-nisa meta ddominat it-time trial u rebħet f'ħin ta' 19-il minuta u 23 sekonda. It-Taljana Michela Gorini (Fausto Coppi Team) kellha tikkuntenta bit-tieni post f'ħin ta' 19-il minuta u 36 sekonda, waqt li Iona Sewell (Squadra Donne UK ) – ir-rebbieħ tat-Tour is-sena li għaddiet spiċċat it-tielet f'19-il minuta u 51 sekonda. Harkowska naturalment spiċċat ir-rebbieħa overall tat-Tour fil-kategorija tan-nisa.

Fi tmiem dan it-Tour saret il-preżentazzjoni lir-rebbieħa fix-Xatt f'Tas-Sliema fejn anke l-President tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, John Zammit ippreżenta t-trofew tal-Meritu tat-Tour lil Joe Bajada, Koordinatur għal Għawdex tal-Kunsill Malti għall-Isport.



Gozo Channel
Company Limited
For more information contact Gozo Channel on
21561622, 21556114 or 22109000 or visit www.gozochannel.com


# Athleta u Floriana champions...




Athleta bit-Tazza tan-Knock-Out

## Il-Kampjonat tan-Nisa għadu mhux deċiż

F'Mejju ntrebaħ l-unur tal-BOV K.O. tal-Ewwel Diviżjoni Irġiel. A to Z Electronics Athleta rebħu dan l-unur għat-tmien darba fl-istorja tagħhom u żammew l-unur li rebħu l-istaġun li għadda. Fil-finali kellhom rebħa komda kontra Siggiewi Derby, li min-naħa tagħhom għadhom ifittxu r-rebħ ta' dan l-unur u kienet it-tielet darba li spiċċaw bħala finalisti telliefa.

Il-Kampjonat Nazzjonali Nisa għadu mhux mirbuħ minħabba li Hibs Medsea, wara li tilfu l-ewwel finali kontra Luxol, l-aħjar minn tlieta, ħarġu rebbieħa fit-tieni finali u issa trid tintlagħab it-tielet waħda biex jiġi magħruf ir-rebbieħ.

Il-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni Irġiel ġie fi tmiemu, meta, minflok is-soltu Play-Offs, saru tliet rawnds ta' logħob u ċ-champions ħarġu minnhom. Dawn kienu Floriana Eurobasket Peugeot li għamlu ċerti mir-rebħ tal-kampjonat minn kmieni, tliet partiti qabel it-tmiem.

Floriana kienu qegħdin jirbħu dan il-Kampjonat għar-raba' darba.

### Kampjonat Nazzjonali 1 Div. Irgiel

**Tata Motors Loyola** ............................ 49
**Depiro Mtarfa** ..................................... 91
(13-24, 9-18, 11-21, 16-28)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, A. Carbonaro

**Bupa Luxol** ............................................ 52
**A to Z Electronics Athleta** ................. 80
(14-16, 15-19, 12-18, 11-27)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, A. Carbonaro

**Siggiewi Derby** ................................... 70
**Bupa Luxol** ............................................ 64
(12-14, 17-18, 14-15, 27-17)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, E. Mangani

**Depiro Mtarfa** ..................................... 59
**Siggiewi Derby** ................................... 76
(17-16, 12-14, 7-27), 23-19)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**Bupa Luxol** ............................................ 61
**Tata Motors Loyola** ............................ 51
(20-15, 20-12, 2-15, 19-9)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**A to Z Electronics Athleta** ................. 93
**Depiro Mtarfa** ..................................... 52
(20-8, 21-11, 32-12, 20-21)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, C. Terribile

**Tata Motors Loyola** ............................ 68
**Siggiewi Derby** ................................... 62
(17-14, 18-16, 10-13, 23-19)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, E. Mangani

| Klassifika – Tmiem it-tieni fazi | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A to Z E. A. | 12 | 11 | 1 | 962 | 592 | 23 |
| Siggiewi Derby | 12 | 8 | 4 | 819 | 761 | 20 |
| Bupa Luxol | 12 | 5 | 7 | 763 | 759 | 17 |
| Depiro Mtarfa | 12 | 4 | 8 | 758 | 790 | 16 |
| Tata Motors L. | 12 | 2 | 10 | 637 | 79 | 14 |

### Championship Pool

**Siggiewi Derby** ................................... 57
**Bupa Luxol** ............................................ 75
(18-11, 15-18, 9-23, 15-23)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, A. Carbonaro

**A to Z Electronics Athleta** ................. 74
**Siggiewi Derby** ................................... 51
(23-2, 19-10, 11-19, 21-20)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, A. Carbonaro

**Bupa Luxol** ............................................ 82
**A to Z Electronics Athleta** ................. 63

(16-15, 26-14, 23-26, 17-8)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, A. Carbonaro

| Klassifika | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A to Z E. A. | 14 | 12 | 2 | 1099 | 725 | 25 |
| Bupa Luxol | 14 | 7 | 7 | 920 | 879 | 21 |
| Siggiewi Derby | 14 | 8 | 6 | 927 | 910 | 20 |

## BOV K.O. I Diviżjoni Irġiel

**Semi finali**
**Tata Motors Loyola** ........................... 77
**Siggiewi Derby** ................................. 89
(20-23, 12-21, 18-25, 27-20)

**A to Z Electronics Athleta** ................ 81
**Bupa Luxol** ......................................... 51
(22-8, 14-9, 19-18, 26-16)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, JP Sammut

**Finali**
**Siggiewi Derby** ................................. 56
**A to Z Electronics Athleta** ................ 85
(8-19, 18-17, 12-19, 18-30)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, A. Carbonaro

Detur Cup Irġiel – Preliminari
**Depiro Mtarfa** ..................................... 74
**Tata Motors Loyola** ........................... 62
(16-19, 16-15, 17-12, 25-16)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, L. Camilleri

## Kampjonat II Diviżjoni Irġiel

**Miscela D'Oro Mtarfa** ........................ 38
**Mellieha Tritones** ............................... 86
(11-17, 6-19, 10-19, 11-31)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Floriana Eurobasket Peugeot** ........... 82
**Bell Net SN Suns** ............................... 46
(22-10, 21-12, 20-14, 19-10)
Referis: G. Barbara, C. Terribile

**Vida Siggiewi** ...................................... 50
**Starlites Ker Grill** ............................... 55
(12-13, 9-15, 17-9, 12-18)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Starlites Ker Grill** ............................... 53
**Miscela D'Oro Mtarfa** ........................ 33
(10-13,16-4, 13-11, 14-5)
Referis: G. Barbara, C. Terribile

**Bell Net SN Suns** ............................... 69
**Vida Siggiewi** ...................................... 53
(10-11, 19-11, 20-9, 20-22)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Athleta** ................................................ 63
**Floriana Eurobasket Peugeot** ........... 41
(16-16, 15-14, 19-7, 13-4)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Mellieħa Tritones** ............................... 60
**Starlites Kerr Grill** .............................. 49
(13-13, 14-3, 19-13, 14-19)
Referis: G. Barbara, L. Camilleri

**Miscela D'Oro Mtarfa** ........................ 45
**Bell Net SN Suns** ............................... 63
(10-23, 13-12, 10-14, 12-14)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Vida Siggiewi** ...................................... 28
**Athleta** ................................................ 53
(6-12, 4-17, 13-16, 5-8)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Athleta** ................................................ 46
**Miscela D'Oro Mtarfa** ........................ 44
(7-7, 11-10, 14-13, 14-14)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Floriana Eurobasket Peugeot** ........... 69
**Vida Siggiewi** ...................................... 59
(17-12, 14-17, 15-17, 23-13)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**Bell Net Suns** ...................................... 83
**Mellieħa Tritones** ............................... 65
(20-18, 12-17, 24-22, 27-8)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro

**Starlites Ker Grill** ............................... 71
**Bell Net Suns** ...................................... 49
(18-13, 12-15, 22-11, 19-10)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Mellieħa Tritones** ............................... 46
**Athleta** ................................................ 51
(14-10, 14-13, 4-20, 14-8)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Miscela D'Oro Mtarfa** ........................ 80
**Floriana Eurobasket Peugeot** ........... 75
*wara l-ħin barrrani*
(14-24, 22-14, 18-17, 13-12) – (13-8)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Vida Siggiewi** ...................................... 57
**Miscela D'Oro Mtarfa** ........................ 64
(11-21, 13-9, 9-19, 24-15)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Athleta** ................................................ 50
**Starlites Ker Grill** ............................... 43
(19-10, 14-6, 7-10, 10-17)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Floriana Eurobasket Peugeot** ........... 89
**Mellieħa Tritones** ............................... 67
(29-19, 29-10, 23-11, 8-27)
Referis: A. Carbonaro, L. Camilleri

| Klassifika Finali | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana E. Peugeot | 18 | 15 | 3 | 1239 | 960 | 33 |
| Athleta | 18 | 12 | 6 | 856 | 772 | 30 |
| Starlites Ker Grill | 18 | 10 | 8 | 915 | 952 | 28 |
| Vida Siggiewi | 18 | 9 | 9 | 1036 | 1032 | 27 |
| Bell Net SN Suns | 18 | 8 | 10 | 1060 | 1115 | 26 |
| Mellieha Tritones | 18 | 7 | 11 | 1100 | 1094 | 25 |
| Miscela D'Oro Mtf. | 18 | 2 | 16 | 832 | 1164 | 20 |

Floriana Eurobasket Peugeot champions

## Kampjonat Nazzjonali Nisa

| Klassifika – Tmiem l-ewwel fazi | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| McDonalds Dep. | 14 | 13 | 1 | 965 | 548 | 27 |
| Luxol | 14 | 12 | 2 | 911 | 533 | 26 |
| Hibs Medsea | 14 | 11 | 3 | 896 | 447 | 25 |
| Athleta | 14 | 7 | 7 | 630 | 617 | 21 |
| Alyssa Ashley L. | 14 | 7 | 7 | 597 | 742 | 21 |
| Starlites Sports Exp. | 14 | 3 | 11 | 483 | 811 | 17 |
| St. Andrews | 14 | 3 | 11 | 522 | 779 | 17 |
| Guzelpinar Mtf | 14 | 0 | 14 | 441 | 877 | 14 |

**Championship Pool**
**Hibs Medsea** ...................................... 38
**Luxol** .................................................... 46
(6-21, 10-7, 12-14, 10-4)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Luxol** .................................................... 55
**McDonalds Depiro** ............................. 47
(17-9), 19-4, 5-18, 14-16)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

McDonalds Depiro ................................ 38
Hibs Medsea .......................................... 43
(8-9, 2-9, 5-14, 23-11)
Referis: B. Vassallo, L. Camilleri

| Championship Pool – Tmiem il-logħob | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Luxol | 18 | 16 | 2 | 1126 | 698 | 34 |
| Hibs Medsea | 18 | 13 | 5 | 1065 | 616 | 29 |
| McDonalds Dep. | 18 | 13 | 5 | 1115 | 748 | 27 |

**Championship Play-Off (1)**
**Luxol** .................................................... 51
**Hibs Medsea** ...................................... 46
(10-7, 9-4, 13-7, 19-28)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Championship Play-Off (2)**
**Hibs Medsea** ...................................... 55
**Luxol** .................................................... 41
(9-9, 14-8, 17-10, 15-14)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri



# Ġunju, xahar ta' finali fil-korsa tal-Marsa

Hekk kif bosta dixxiplini tal-isport tax-xitwa jaslu fit-tmiem tal-istaġun tagħhom, dak tat-tiġrijiet taż-żwiemel jidħol f'fażi kruċjali.

Wara li f'Mejju, il-finali tal-Assikura Cup ġiet mirbuħa miż-żiemel Daniż Indian Attack (dik għall-Klassijiet għolja) u l-Amerikan Boston Harbor (għall-Klassijiet l-oħra), f'Ġunju jilħqu l-qofol tagħhom diversi Kampjonati, li għalihom se jitħejja sfond ta' spettaklu mill-isbaħ.

Equestrian Festival, il-Ħadd 5 ta' Ġunju - festival intiż biex jippreżenta lill-pubbliku diversi sports li jaraw iż-żwiemel bħala protagonisti flimkien ma' attivitajiet oħra għall-familja kollha, bħat-tberik taż-żwiemel u attivitajiet għat-tfal fost oħrajn.

Imbagħad isegwu l-Kampjonati fuq distanzi qosra kemm fit-trott kif ukoll fil-galopp, biż-żwiemel joffru l-aqwa veloċità tagħhom.

Fil-festa tas-Sette Giugno, issir il-finali tal-Mediterranean Derby għaż-żwiemel tal-galopp, trofew mill-aktar prestġġjuż u bi storja twila f'pajjiżna. Il-finalisti ġew magħżula f'heats apposta u jinkludu l-krema taż-żwiemel tal-galopp f'pajjiżna.

Dakinhar ikollna wkoll il-finali tas-Sette Giugno Cup għaż-żwiemel tat-trott tal-ogħla Klassi minn pajjiżi differenti. Il-heats saru f'Mejju u rriżultaw f'finalisti tal-aqwa kwalità.

Dan ix-xahar saru l-heats tal-Kampjonati għaż-żwiemel Franċiżi b'Kampjonat għal kull Klassi. F'dawn il-ġranet isiru s-semi-finali, bil-finali kollha jinżammu nhar il Ħadd, 12 ta' Ġunju. Ikollna finali ta' kwalità għolja kemm fil-Prix de Vincennes għaż-żwiemel tal-Klassi Premier, kif ukoll fil-finali tal-Klassijiet l-oħra b'uħud mill-aqwa żwiemel Franċiżi f'pajjiżna.

Minħabba s-sħana tas-sajf, mit-tieni nofs ta' Gunju, it-tiġrijiet jibdew isiru kull nhar ta' Gimgħa fil-għaxija minflok il-Ħadd wara nofsinhar, biex jiġi jingħata l-bidu tal-Kampjonati tas-Sajf.

L-iljieli sajfin, imbagħad, jilqgħu finali oħra, il-VOB Grand Final, li tgħaqqad iż-żwiemel li jispiċċaw fl-ewwel postijiet tal-Prix de Vincennes u tas-Sette Giugno Cup. Ikollna l-opportunità naraw taqtiegħa mill-isbaħ bejn il-krema taż-żwiemel tat-trott f'Malta.

Barra minn hekk, fuq nota differenti f'dan ix-xahar nassistu wkoll għat-tiġrijiet tradizzjonali tal-Imnarja fejn, nhar id-29 ta' Ġunju, il-Malta Racing Club ser jerġa' jorganizza programm sħiħ ta' tiġrijiet fi triq it-Tiġrija r-Rabat, Malta. Dawn it-tiġrijiet ser jerġgħu jiġu organizzati wara nżul ix-xemx taħt id-dawl artifiċjali.

Għalhekk f'dan ix-xahar sajfi, l-isport tat-tiġrijiet taż-żwiemel joffri alternattiva friska ta' divertiment għall-familja kollha, b'diversi attrazzjonijiet mill-aqwa.

# RIŻULTATI,

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 10 ta' April 2011

**RACE 1 - (1640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Lucky Sam de Court (Noel Baldacchino)
2 Staro Braveheart (Brian Zammit)
3 Trick The Lind (Kevin Mifsud)
4 Loulou de la Rose (Charles Camilleri)

**RACE 2 - (1640m) Class Bronze**
**Empire Cinema Bronze Race**
1 Boston Harbor (George Attard)
2 Catch And Smash (Ramon Caruana)
3 Moustique Rose (Joseph Grech)
4 Zut (Joe Schembri)

**RACE 3 - (1640mn) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Bete Saknussen (Claudio Refalo)
2 Delvin Brodde (Julian Farrugia)
3 Chilly Beast (Herman McKay)
4 Stanford Hornline (Charlo Debono)

**RACE 4 - (1640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Maitre de Bannes (Dario Fenech)
2 Must du Buisson (Charles Camilleri)
3 Ouragan de Valsoiz (Emmanuel Garzia)
4 Jens (Alex Magro)

**RACE 5 - (1640m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 The Big Blue World (James Briffa)
2 Count of Life (Michael Ellul)
3 Race Ball (Tony Demanuele)
4 Mage Petteviniere (Brian Hili)

**RACE 6 - (2640m) Class Open**
**Emirates Tazza l-Kbira**
1 Kakisis (Johann Axisa)
2 Lonshults Anders (Shaun Portelli)
3 Lou Petiot (Michael Axisa)
4 Neo de Mira (George Muscat)

**RACE 7 - (1640m) Class Bronze**
**Empire Cinema Bronze Race**
1 Improve Simb (Darren Mizzi)
2 Upptillbevis (Julian Farrugia)
3 Parigot (Michael Ellul)
4 Jet (Rodney Gatt)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 17 ta' April 2011

**RACE 1 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Magnifique Sablais (Julian Farrugia)
2 Number One Of Max (Noel Baldacchino)
3 Must du Buisson (Charles Camilleri)
4 Master Lupin (Rodney Gatt)

**RACE 2 - (2140m) Class Open**
**Assikura C'Ship Semi Final 1**
1 Boston Harbor (George Attard)
2 Kejser Engely (Rueben Azzopardi)
3 Blizzard (Anthony Spagnol)
4 Lemon Solo (Jason Vassallo)

**RACE 3 - (1250m) Class B**
**Flat Race**
1 Mayfair Princess (Ramon Grima)
2 Life Is Now (Oliver Briffa)
3 Buttermilk (Jesmond Micallef)
4 Letthewordgoforth (Demis Zammit)

**RACE 4 - (2140m) Class Open**
**Assikura C'Ship Semi Final 2**
1 Great Line (Tony Demanuele)
2 Lazume Simoni (Noel Baldacchino)
3 Divinis (Charlie Magro)
4 Zut (Joe Schembri)

**RACE 5 - (1250m) Class A**
**Flat Race**
1 Kimberley Downs (Michael Sultana)
2 Joliminoi (Charles Pace)
3 Giada Med (Demis Zammit)
4 Adorabile Med (Oliver Briffa)

**RACE 6 - (2140m) Class Open**
**Assikura C'Ship Heat 1**
1 Obi Wan Kenobi (George Attard)
2 Socrates (James Briffa)
3 Baronello (Jason Vassallo)
4 Geronimos Cadillac (Noel Baldacchino)

**RACE 7 - (2640m) Class Gold**
**Empire Cinema Gold Race**
1 Energy Launcher (Alex Cortis)
2 Mage Petteviniere (Brian Hili)
3 Natif de Salvi (Redent Magro)
4 Race Ball (Tony Demanuele)

**RACE 8 - (2140m) Class Open**
**Assikura C'Ship Heat 2**
1 Indian Attack (Noel Baldacchino)
2 Big Hit (Charlo Debono)
3 Bete Saknussen (Claudio Refalo)
4 Freedom As (Charles Camilleri)

**RACE 9 - (2140m) Class Open**
**Assikura C'Ship Heat 3**
1 Count of Life (Charles Camilleri)
2 Arifant (Michael Ellul)
3 Newman (Kevin Sciberras)
4 Crane Beach (Andre Farrugia)



*Nympheta De Bisoir mal-ġerrejja Louise Medelberg*



*Boston Harbor - 4th race*



*Ġerrejja nisa barranin*

# SEWWIEQA U HINIJIET

## Tiġrijiet tas-Sibt, 23 ta' April 2011

**RACE 1 - (2640m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Pretty Post (David Ellul)
2 Newmarket Boy (Shaun Portelli)
3 Dandy (Robert Polidano)
4 Royal Qui (Alex Farrugia)

**RACE 2 - (2640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Loulou Noir (Carl Caruana)
2 Marquis du Domaine (Rodney Gatt)
3 Kendo de l'Aron (Brian Hili)
4 Hulegardens Filur (Mario Falzon)

**RACE 3 - (2640m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Oural d'Asnois (Patrick Spiteri)
2 Narcus du Roc (Noel Baldacchino)
3 Cocos Kaos (Jason Vassallo)
4 Larissa du Breil (Cliferty Calleja)

**RACE 4 - (2640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Lorrain d'Oliverie (Brian Hili)
2 Loulou de la Rose (Charles Camilleri)
3 Glowing Star (George Attard)
4 Napoleon Hjo (David Ellul)

**RACE 5 - (2640m) Class Gold**
**Empire Cinema Gold Race**
1 Nuage Somolli (Alex Cortis)
2 Delvin Brodde (Julian Farrugia)
3 Rambo Lambo (Claudio Refalo)
4 Kalipso Pierji (Michael Ellul)

**RACE 6 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Lotus du Goth (Andrew Spiteri)
2 Nasdaq du Closet (Andrew Farrugia)
3 Zerbin (Sam Cassar)
4 Kaki de Peyrahout (Tony Demanuele)

**RACE 7 - (2640m) Class Premier**
**Caqnu Beer Premier Race**
1 Le Coup de Foudre (Charles Camilleri)
2 Gentle Way (Eric Bezzina)
3 Le Bolide du Suret (Melvin Farrugia)
4 Candy Fantasy (Mario Falzon)

**RACE 8 - (2640m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Marchallach (Paul Gauci)
2 Mattahari (Herman McKay)
3 Pine Wood Harry (Cliferty Calleja)
4 Purple Street (Redent Magro)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 24 ta' April 2011

**RACE 1 - (2640m) Class Copper**
**Montekristo Estates Copper Race**
1 Marathon d'Isques (Herman McKay)
2 Mirall Composite (France Tanti)
3 Fredrico Kim (Carmelo Farrugia)
4 Mailbag (David Ellul)

**RACE 2 - (2640m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Kendo du Chene (Larson Mifsud)
2 Upptillbevis (Julian Farrugia)
3 Nacelle du Bessay (Brian Hili)
4 Ninio Vici (Rodney Gatt)

**RACE 3 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Oscardo du Val (Jeffrey Pace)
2 Rybo Juvel (Julian Farrugia)
3 Muscadet (Brian Zammit)
4 Napol de Mai (Ronald Cassar)

**RACE 4 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Obscur de Busset (Shaun Portelli)
2 Knight Brunel (Martin Grech)
3 Meadow Dancer (Ludvic Ghigo)
4 Nep (Noel Baldacchino)

**RACE 5 - (2640m) Class Gold**
**Empire Cinema Gold Race**
1 Matador Knick (Carmelo Farrugia)
2 New Sun (Clint Vassallo)
3 Major de la Vronde (Andrew Spiteri)
4 Victory Toll (Julian Farrugia)

**RACE 6 - (2140m) Class Open**
**Malta - Finland Race**
1 Kiton de Bouere (Darren Mizzi)
2 Ironbar (Julian Farrugia)
3 Improve Simb (Larson Mifsud)
4 Vera L.H. (David Ellul)

**RACE 7 - (2640m) Class Premier**
**Caqnu Beer Premier Race**
1 Mon Daniel (James Carabott)
2 Master Perrine (Herman McKay)
3 Belafonte (Charlo Debono)
4 Mark de Chamant (Michael Seychell)

**RACE 8 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Ouragan de Valsoiz (Emmanuel Garzia)
2 Stainless Steel (Charles Camilleri)
3 Lys des Etroits (Brian Hili)
4 Kobber Dust (Darren Mizzi)



*Ollie Fliptrick - 3rd race*

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 1 ta' Mejju 2011

**RACE 1 - (3140m) Class Copper**
**Finn Tack Copper Race**
1 Kansas de Chenu (Joseph Bartolo)
2 Mirall Composite (France Tanti)
3 Tapper Kana (Larson Mifsud)
4 Jet Starline (Salvatore Cutajar)

**RACE 2 - (3140m) Class Bronze**
**Finn Tack Bronze Race**
1 Moustique Rose (Noel Baldacchino)
2 Okapi d'Avril (Jason Cordina)
3 Dollar As (Claudio Refalo)
4 Loulou Noir (Carl Caruana)

**RACE 3 - (1750m) Class B**
**Flat Race**
1 Ollie Fliptrik (Sarah Borg)
2 Life Is Now (Oliver Briffa)
3 Nuage de la Tour (Ramon Grima)
4 Genievre (Charles Pace)

**RACE 4 - (2140m) Class Open Br/Cp**
**Assikura C'Ship Final**
1 Boston Harbor (George Attard)
2 Lazume Simoni (Noel Baldacchino)
3 Divinis (Charlie Magro)
4 Great Line (Tony Demanuele)

**RACE 5 - (3140m) Class Copper**
**Finn Tack Copper Race**
1 Hawkear (Rodney Gatt)
2 Kendo de l'Aron (Brian Hili)
3 Jeo de Touvois (Chris Vassallo)
4 What's Up (Oliver Briffa)

**RACE 6 - (2140m) Class Open Pr/Gl/Sl**
**Assikura C'Ship Final**
1 Indian Attack (Noel Baldacchino)
2 Count of Life (Charles Camilleri)
3 Baronello (Jason Vassallo)
4 Obi Wan Kenobi (George Attard)

**RACE 7 - (1750m) Class A**
**Handicap**
1 Kimberley Downs (Michael Sultana)
2 Nikos Heriniere (Oliver Briffa)
3 Joliminoi (Charles Pace)
4 Just The Best (Ramon Grima)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 6 ta' Mejju 2011

**RACE 1 - (3140m) Class Copper**
**Finn Tack Copper Race**
1 Vasterbo Breezy (Shaun Formosa)
2 Reslovs Stranden (Joe Muscat)
3 Inedit du Tachen (Michael Ellul)
4 Napoleon Hjo (David Ellul)

**RACE 2 - (3140m) Class Silver**
**Finn Tack Silver Race**
1 King Boy du Dane (Charlo Debono)
2 Napol de Mai (Ronald Cassar)
3 Ocean Gede (Emmanuel Fenech)
4 Cross Country F.C. (Marco Debono)

**RACE 3 - (3140m) Class Bronze**
**Finn Tack Bronze Race**
1 Pout de Quelaines (David Galea)
2 Montbrun (Patrick Spiteri)
3 Ninio Vici (Rodney Gatt)
4 Opimus (Julian Farrugia)

**RACE 4 - (2140m) Class Bronze**
**International Ladies' Challenge Race**
1 Nymphela de Bisoir (Louise Medelberg)
2 Lady June (Carina Skold)
3 Above Roland (Elin Gustavsson)
4 The Womanizer (Anna-Karin Rundqvist)

**RACE 5 - (3140m) Class Bronze**
**Finn Tack Bronze Race**
1 Nacelle du Bessay (Brian Hili)
2 Pine Wood Harry (Cliferty Calleja)
3 Emil Brebro (Brian Zammit)
4 Mattahari (Herman McKay)

**RACE 6 - (3140m) Class Premier**
**Finn Tack Premier Race**
1 In Vitro du Bourg (Ivan Bilocca)
2 Isolated (Noel Baldacchino)
3 Kakisis (Johann Axisa)
4 Wiss Night Hawk (Charles Camilleri)

**RACE 7 - (3140m) Class Bronze**
**Finn Tack Bronze Race**
1 Narcus du Roc (Noel Baldacchino)
2 November Oaks (Charles Camilleri)
3 Kendo du Chene (Larson Mifsud)
4 Nuthan d'Emi (Carl Caruana)



*Indian Attack - 6th race*



*Kimberly Downs - 7th race*

# Alex Borg champion ta' Malta għall-10 darba




Simon Zammi (xellug), Amrose Licari (referi) u Alex Borg qabel il-final

Alex Borg ta' Juventutis Domus, taż-Żejtun, u li fil-5 ta' Ġunju jagħlaq 42 sena, irnexxielu jirbaħ il-Kampjonat Malti ta' l-isnooker għall-10 darba meta fil-final għeleb lil Simon Zammit ta' Jesmond Sporting Club, tal-Ħamrun, bi skor verament ristrett ta' 7-6. Il-logħba kienet ikkontrollata mir-referi internazzjonli Malti, is-Sur Ambrose Licari.

Fis-semi-finali, Borg għeleb lil Clayton Castaldi ta' 147 Snooker Hall, tal-Ħamrun, 6-3, filwaqt li Zammit għeleb liċ-champion tas-sena li għaddiet, Duncan Bezzina, ta' La Vincitrici, tal-Isla, bl-iskor ta' 6-2.

Din is-sena Alex Borg irnexxielu jagħmel "double" meta ftit qabel huwa rnexxielu wkoll li jirbaħ il-Masters għall-ewwel darba meta fil-final huwa reġa' għeleb lil Simon Zammit 6-5.

Il-final kienet ikkontrollata mir-referi internazzjonli Malti, is-Sur Johnny Grech. Fis-semi-finali tal-Masters, Borg għeleb lil Tony Mifsud ta' Jesmond Sporting Club, 5-1, filwaqt li Zammit għeleb lil Frans Mintoff ta' La Vallette, 5-0.




John Higgins jiċċelebra r-raba' Kampjonat Mondjali personali

Kampjonat Mondjali tal-Isnooker Crucible 2011

# Higgins jirbaħ ir-raba' titlu ... u £250.000!

John Higgins il-plejer Skoċċiż ta' 35 sena, irnexxielu jirbaħ ir-raba' Kampjonat Mondjali tal-isnooker meta fil-Crucible, f'Sheffield, huwa għeleb lil Judd Trump, il-plejer żagħżugħ ta' 21 sena minn Bristol fil-final bi "frame score" ta' 18-15. Din kienet waħda mill-aktar logħbiet sbieħ u eċċitanti li rajna f'dawn l-aħħar snin. Higgins rebaħ is-somma sabiħa ta' £250,000 filwaqt li Trump ħa £125,000.

L-uniċi żewġ plejers li rebħu l-Kampjonat Mondjali aktar minn Higgins, fil-Crucible, kienu Stephen Hendry (seba' darbiet) u Steve Davies (sitt darbiet).

Il-plejer żagħżugħ, Judd Trump, żgur li jista' jitqies bħala l-plejer meravilja tal-futur u wara li rebaħ iċ-"China Open" ftit ġimgħat qabel, mhux biss tela' jokkupa id-disa' post fil-lista tar-ranking mondjali, imma tella' t-total tal-introjtu tiegħu għal £185,000, f'inqas minn xahrejn!



# Aħbarijiet mix-xena tas-Snooker

Pool - UK Professional Main Tour

## Clayton Attard jitlef 7-6 fit-Tieni Rawnd

Iċ-champion Ewropej tal-Pool, Clayton Attard, safa eliminat fit-tieni rawnd tal-UK Professional Main Tour kontra Russel Burgess, bl-iskor ta' 6-7, wara li kien 6-3 minn fuq. Russel Burgess huwa irrenkjat fil-21 post fil-lista tar-ranking mondjali. Fl-ewwel rawnd Attard rebaħ lil Ryan Shaw (Channel Islands) 7-3.

Fil-Barcello Festival of Pool, Warren Attard, inqala' fil-kwarti-finali wara li tilef 1-6 kontra l-Indjan, Vedesh Sabharwal. Biex wasal sal-kwarti-finali Attard rebaħ tliet logħbiet kontra plejers Britanniċi.

Duncan Pisani u Alan Soler inqalgħu fit-tieni rawnd f'dan il-Barcello Open.



Judd Trump fl-azzjoni

Judd Trump, għandu "cue action" enormi u mhux biss jippottja ħafna boċċi diffiċli mit-tul, imma nistgħu ngħidu li l-ġbid tal-boċċa l-bajda tiegħu hija xi ħaġa fenomenali. Dan iż-żagħżugħ, b"hairstyle" moderna u rilassat għall-aħħar, ġibed is-simpatija ta' ħafna spettaturi u żgur li għad ikun il-plejer tal-futur.

Infakkru li l-uniku plejer professjonali Malti, Tony Drago, spiċċa l-istaġun jokkupa is-46 post biex issa, fl-istaġun li ġej, se jkun issidjat biex jibda mit-tielet rawnd u għalhekk se jaqbeż l-ewwel żewġ rawnds. Drago rebaħ 'il fuq minn £1 miljun matul il-karriera tiegħu.

### Kampjonat Mondjali tal-U/21

Il-Kampjonat Mondjali ta' li-snooker għal żagħażagħ Taħt il-21 sena se sir fil-lukanda Sheraton Montreal Hotel, il-Kanada, bejn it-12 u it-23 ta Lulju 2011. Il-post ser jkun mgħammar b'għaxar imwejjed u għaċ-ċerimonja tal-ftuħ se jattenddi l-eks plejer professjonali, Kirk Stevens. Issa nfetħu l-applikazzjonijiet fejn jistgħu jieħdu sehem minimu ta' żewġ plejers minn kull pajjiż. Is-sena li għaddiet, dan il-Kampjonat sar f'Letterkenny, fl-Irlanda, fejn għal Malta kienu ħadu sehem Thurston Grixti u Aaron Busuttil. Thurston Grixti kien għadda għall-Fażi Finali fejn kien għamel ukoll 'break' sabiħ ta' 84. Din is-sena mistennija li jkun hemm 80 plejer minn 40 pajjiż madwar id-dinja.

### Inkredibbli ... imma vera!

Madwar erba ġimgħat ilu tajt ir-riżenja tiegħi minn referi ta' l-isnooker u segretarju għax kemm jien u kemm sħabi ilna ma nitħallsu tax-xogħol tagħna għal diversi xhur. Ftit ġranet wara, bagħtuli risposta biex nirritorna is-sett tal-boċċi ... u dan meta sal-lum għadni ma tħallastx! Ma titwemminx imma vera! Jien tkellimt fuq din is-sitwazzjoni mas-Sur Ambrose Licari, is-segretarju l-ġdid tal-MBSRA, li mingħajr tlaqliq qalli li għandi elf raġun! Għall-anqas!! Fil-bidu tal-istaġun l-ieħor kellna madwar 15-il referi u fl-aħħar ta' dan l-istaġun kien għadd baqa' xi seba' biss li setgħu jew riedu jikkontrollaw il-logħbiet.

### Min hu barra barra u min hu ġewwa ġewwa!

Dan l-istaġun se jkunu saru żewġ ranking tournaments biss (għall-anqas sal-aħħar ta' Mejju) jekk ma jsirx xi wieħed f'Ġunju, xi ħaġa li qatt ma niftakar li saret! Kull staġun suppost li jsiru minimu ta' erba' ranking tournaments u hemm ukoll għajdut li jistgħu jsiru fil-bidu ta' staġun ieħor! Niftakar meta konna ngħidu min hu barra barra u min hu ġewwa ġewwa u issa qegħdin jgħidu min hu fuq fuq u min hu isfel isfel! Ta' isfel m'għandomx ċans jitilgħu fuq u ta' fuq ma jistgħux jinżlu 'l isfel! Sorry!!

### Din ma titwemminx!

M'ilux, dħalt ġo klabb tal-isnooker u ġie plejer żagħżugħ fuqi u qalli: "Smajt li lil Bin Laden qatluh bi żball għax waddbu bomba fuq Gaddafi u bi żball laqtu lil Bin Laden!". Wara li għamilt xi żewg minuti iċċassat u stordut b'dak li kont qed nisma, iddeċidejt li ma nweġibx, għax probabbli kont se ndum xi nofs ta' nhar nispjegalu kif dan ma setax ikun, u mappa ma kelliex biex nurih li Bin Laden kien il-Pakistan u Gaddafi kien il-Libja u li kienu eluf ta' mili 'l bogħod minn xulxin!!

### Fill in the blank please ... yes miss!!

Il-kwarti-finali tal-Ewwel Diviżjoni, it-Tieni Diviżjoni u t-Tielet Diviżjoni kif ukoll dik ta' Taħt is-16-il sena, intlagħbu mingħajr referi, xi ħaġa, li sa fejn naf jien, qatt ma ġrat qabel. Għalhekk, jekk ma jkunx hemm referi, ifisser li dawn jilagħbu mingħajr il-'miss rule'. Jekk nibqgħu sejrin hekk, erbat ijiem oħra la se nilagħbu bil-"miss" u l-anqas bil-"mister" ... il-plejers se jispiċċaw jilagħbu bil-______!!! Fill in the blank please. Yes miss!!

### Ambrose Licari u Alex Borg fil-"Q" School

Dan ix-xahar inkitbet paġna storika meta Ambrose Licari, bħala referi, u Alex Borg, bħala plejer, telqu flimkien biex jieħdu parti fil-"Q" School fl-Ingilterra. Licari se jkun qiegħed jikkontrolla f'tournaments prestiġġjużi ħafna minħabba li minn dawn l-istess tournaments jikwalifikaw 12-il plejer biex fl-istaġun li ġej ikunu parti mis-96 plejer professjonali. Min-naħa tiegħu, Alex Borg ikun qed jagħmel tentattiv ieħor biex jaqleb bħala plejer professjonali. Nixtiqulhom kull suċċess!



Il-karozzi eżatt qabel it-tluq fil-Grand Prix tat-Turkija

# Vettel ikabbar il-vantaġġ



Sebastian Vettel



Sebastian Vettel jiċċelebra s-suċċess tiegħu fi Spanja





Mark Webber (Red Bull) jillijda fit-tluq tal-Grand Prix ta' Spanja

Formula 1

## Riżultati tal-GP tat-Turkija
### 08.05.2011 - Istanbul

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 1:30:17.558 |
| 2. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | +00:08.807 |
| 3. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:10.075 |
| 4. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:40.232 |
| 5. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 00:47.539 |
| 6. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 00:59.431 |

## Riżultati tal-GP ta' Spanja
### 22.05.2011 - Katalunja

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 1:39:03.30 |
| 2. | Lewis Hamilton (Ingilterra) McLaren | +00.00.630 |
| 3. | Jenson Button (Ingilterra) McLaren | 00.35.697 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 00.47.966 |
| 5. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 1 lap |
| 6. | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 1 lap |

## Klassifika

| Sewwieqa | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Germany) Red Bull | 118 |
| 2. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 77 |
| 3. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 67 |
| 4. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 61 |
| 5. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 51 |
| 6. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 26 |
| 7. | Nick Heidfeld (Ġermanja) Renault | 25 |
| 8. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 24 |
| 9. | Vitaly Petrov (Russja) Renault | 21 |
| 10. | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 14 |

| Kostrutturi | | |
|---|---|---|
| 1. | RedBull | 185 |
| 2. | McLaren | 138 |
| 3. | Ferrari | 75 |
| 4. | Renault | 46 |
| 5. | Mercedes | 40 |
| 6. | Sauber | 11 |
| 7. | Toro Rosso | 6 |
| 8. | Force India | 4 |

# Stoner jirbaħ fi Franza u jitla' fit-tieni post




Casey Stoner jillidja sa mill-bidu tal-GP

Casey Stoner jiċċelebra s-suċċess tiegħu ta' Franza

## Riżultati tal-GP tal-Portugall
### 1.05.2011 - Estoril

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 45:51.483 |
| 2. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 45:54.534 |
| 3. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 45:59.141 |
| 4. | Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 46:08.013 |
| 5. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 46:08.038 |
| 6. | Colin Edwards (U.S.) Yamaha | 46:24.058 |
| 7. | Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 46:30.232 |
| 8. | Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 46:32.395 |
| 9. | Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 46:46.370 |
| 10. | Randy de Puniet (Franza) Ducati | 46:51.180 |

## Riżultati tal-GP ta' Franza
### 15.05.2011 - Le Mans

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 44:03.955 |
| 2. | Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 44:18.169 |
| 3. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 44:18.519 |
| 4. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 44:25.030 |
| 5. | Marco Simoncelli (Italja) Honda | 44:35.200 |
| 6. | Ben Spies (U.S.) Yamaha | 44:35.564 |
| 7. | Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 44:39.521 |
| 8. | Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 44:55.457 |
| 9. | Hector Barbera (Spanja) Ducati | 45:07.686 |
| 10. | Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 45:07.840 |
| 11. | Toni Elias (Spanja) Honda | 45:08.023 |
| 12. | Alvaro Bautista (Spainja) Suzuki | 45:08.147 |



Marco Simoncelli jikkraxxja

## Klassifika

| Sewwieqa | | |
|---|---|---|
| 1. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 78 |
| 2. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 66 |
| 3. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 61 |
| 4. | Andrea Dovizioso (Italja) Honda | 50 |
| 5. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 47 |
| 6. | Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 39 |
| 7. | Hiroshi Aoyama (Ġappun) Honda | 36 |
| 8. | Marco Simoncelli (Italja) Honda | 22 |
| 9. | Colin Edwards (U.S.) Yamaha | 21 |
| 10. | Hector Barbera (Spanja) Ducati | 21 |
| 11. | Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 21 |
| 12. | Ben Spies (U.S.) Yamaha | 20 |

## Kampjonat 1954-55




# Il-futbol Malti jitlef bosta plejers minħabba l-emigrazzjoni

### It-Tieni Ġurnata

**16-10-1954:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 3-2**
**H.T 1-2**
**Skurjaw: P. Vassallo (V) 5', P. Zammit (V) 35' u S.Nicholl (S) pen. 36', 72' u 88'.**
**Referi: Chief Petty Officer C. D.Lusted**
**Linesmen: Walter 'Watty' Gatt u Frederick G. Hawker**

*Sliema Wdrs. FC:* Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Salvinu Schembri, Henry Hayston, Ġużi Cuschieri, Guy Coulet, Rene Formosa, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Valletta FC:* Mike 'Il-Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ċensu Muscat, Leli Borg Bonaci, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Silvio Rapinett, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Din il-partita suppost li ġiet ikkontrollata mir-referi John Azzopardi iżda l-Kunsill tal-MFA ħassar dan l-appuntament wara talba minn Valletta FC minħabba inċidenti li kienu seħħew waqt Sliema – Valletta (5-1) tal-11 ta' April, 1954, ikkontrollata minnu. Saru protesti qawwija min-naħa tal-MFRA dwar dan il-każ fejn l-MFA kienet aċċertat lill-MFRA li fit-talba tagħhom Valletta ma kienux għamlu kummenti deplorevoli fuq ir-referi Azzopardi.

2. Fin-nuqqas ta' Tony Nicholl li kien sospiż, Sliema Wanderers kienu lagħbu lil Henry Hayston fil-pożizzjoni ta' centre-half. Hayston fl-istaġun ta' qabel kien lagħab f'din il-pożizzjoni diversi drabi ma' Melita.

3. Pawlu Zammit irdoppja l-iskor għal Valletta ftit wara li daħal lura fil-grawnd wara li kien għamel tmien minuti jiddewwa mat-touchline.

**17-10-1954:**
**St. George's FC – Birkirkara FC 1-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: J. Wilson (St. Geo) 14' u A. Schranz (B) 83'**
**Referi: B.S.M Joseph Galea (R.M.A)**
**Linesmen: Leli Spiteri u Carmel L. Bugeja**

*St.George's FC:* George Borg, Twanny Mallia, Willie Xerri, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Johnnie Wilson, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Edward Azzopardi.

*Birkirkara FC:* William Templeman, Lewis Caruana, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Emanuel Xuereb, Fredu Preca, Alfred Crockford, Ġużi Magro, Freddie Taliana, Albert Schranz, Bob Bonavia, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. St.George's lagħbu ħafna mit-tieni taqsima b'għaxar plejers meta l-plejer tagħhom Edward Azzopardi kellu jħalli l-ground imweġġa' fil-50 minuta.

2. Alfred Crockford u Albert Schranz ta' Birkirkara kienu jaħdmu flimkien mal-Cable & Wireless.

**23-10-1954:**
**Hibernians FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: C. Azzopardi (R) 12' u L. Cassar (H) 72' u 89'.**
**Referi: Fredrick G. Hawker**
**Linesmen: J. B. Brown u B.S.M Joseph Galea.**

*Hibernians FC:* Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Johnnie Azzopardi, Victor Formosa, Sunny Anastasi, Henry Vella, Fredu Church, John Coreschi, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Victor Sammut, Alfie Pearson, George Dalli, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Lewis Vigar, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Paddy Sloan, Joe Cachia.

1. Paddy Sloan, ex-plejer ta' Manchester United, Arsenal, Sheffield



*Ray Edwards (bil-wieqfa xellug nett) ta' Sliema W. wieħed mill-plejers li emigraw*

Utd, Norwich City u A.C Milan u issa plejer-coach ta' Rabat FC, lagħab l-ewwel partita tiegħu fil-kampjonat Malti. Huwa kien tilef l-ewwel partita tal-kampjonat wara li kien weġġa' f'partita ta' ħbiberija qabel il-kampjonat.

**24-10-1954:**
**Floriana FC – Ħamrun Spartans 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: T. Cauchi (F) 56'.**
**Referi: Joe M. Cassar Naudi.**
**Linesmen: George Degiorgio u Salvu Pirotta.**

*Floriana FC:* Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Pullu Mousu, Karmenu Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Dr. Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Ħamrun Sp. FC:* Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Franġisku Formosa, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Romeo Psaila.

1. Skond il-ġurnal Leħen is-Sewwa r-referi Cassar Naudi saffar għal tmiem il-partita fit-88 minuta.

*Klassifika:* Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 4 pti.; Ħamrun Sp. FC, Valletta FC u Hibernians FC 2 pti.; Birkirkara FC u St.George's FC 1 pt. u Rabat FC 0 pti.

*L-Aqwa Skorers:* S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 5 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 3 goals; F. Formosa (Ħamrun Sp. FC); L. Cassar (Hibernians) u P. Zammit (Valletta FC) 2 goals.

# AĦBARIJIET

Għall-ewwel darba mit-twaqqif tal-Assoċjazzjoni, il-Kunsill il-ġdid tal-MFA kien ifformat minn rappreżentanti tal-klabbs tal-MFA tal-Ewwel u tat-Tieni Diviżjoni flimkien ma erba' uffiċjali newtrali. Dawn l-uffiċjali kienu l-President tal-MFA s-Sur Lawrence Farrugia B.E.M, iż-żewġ Viċi Presidenti s-Sur Charles Debono u s-Sur Jimmy Xerri De Caro u t-Teżorier tal-MFA is-Sur Edward Ebejer Slythe. Din il-formazzjoni ġdida tal-Kunsill waslet wara d-diskors tas-Segretraju tal-MFA Eugenio Bonello li saħaq li l-Kunsill għandu jkun ifformat minn rappreżentanti tal-klabbs li jieħdu sehem fil-kampjonati tal-MFA hekk kif inhu stipulat ukoll f'"Regola 10" tal-Football Association Ingliża. Il-proposta tas-Sur Eugenio Bonello ġiet aċċettata waqt il-Laqgħa Generali Annwali tat-Tnejn 21 ta' Ġunju 1954.

Bħala b'sinjal ta' rieda tajba għall-bidla fil-Kunsill tal-MFA ġie deċiż li jitneħħew is-sospensjonijiet kollha li ngħataw lill-players bejn l-1 ta' Ottubru 1953 u t-30 ta' Settembru 1954. Bis-saħħa ta' din l-amnestija il-players Emmanuel Zahra ta' Vittoriosa Stars u H. Taliana ta' Tarxien Rainbows li kienu ġew sospiżi għal għomorhom wara li sawtu lill-player avversarju kellhom is-sospensjoni maħfura. Il-Kunsill madankollu ma laqax it-talba ta' Victor Tedesco, Ġużi Lofaro u Wenzu Gabarretta biex anke huma tinħafrilhom is-sospensjoni.

Delegazzjoni tal-MFA, wara negozjati twal, waslet fi ftehim ġdid mal-Management tal-Gżira Stadium li permezz tiegħu l-klabbs kellhom jieħdu £500 li kienu se jingħatawlhom fi tmiem l-istaġun mill-Management tal-Gżira Stadium kif ukoll kienu ser jieħdu 50% mill-Gate Money. Il-ftehim kien ġie ffirmat it-Tlieta, 14 ta' Settembru, 1954.

Fl-24 ta' Settembru, 1954, is-Sur Lawrence Farrugia B.E.M laħaq President ġdid tal-MFA. Huwa ħa post is-Sur Emilio Camilleri li kien iddeċieda li jieqaf minn din il-kariga. Waqt l-ikla annwali organizzata mill-Malta Football Referees Association, il-President tal-MFA is-Sur Emilio Camilleri kien għamel diskors tal-okkażjoni li fih kien qal li l-istaġun tal-1953-54 kien l-agħar wieħed fl-istorja tal-football Malti.

Il-futbol lokali tilef aktar plejers minħabba l-emigrazzjoni li fis-snin ħamsin kienet fl-aqwa tagħha. Fit-30 ta' Ġunju, 1954, il-plejers Alfred Farrugia u Lewis Azzopardi, it-tnejn ta' Valletta FC, u Ray Edwards, is-centre half ta' Sliema Wanderers, kienu fost 88 emigrant li ħallew Malta abbord il-vapur tal-passiġġieri Nea Hellas fi triqthom lejn il-Kanada. It-tliet plejers kellhom ħsieb li jingħaqdu mat-tim tal-futbol ta' Malta, f'Toronto, Malta United għalkemm Edwards finalment ingħaqad mat-tim Pollakk ta' White Eagles. Warajhom anke il-plejer ta' Hibernians, John Gatt, għamel l-istess vjaġġ fuq in-Nea Hellas nhar, l-4 ta' Awwissu, 1954. Gatt ingħaqad mat-team ta' Malta United.

Fl-10 ta' Awwissu, 1954, wasal f'Malta il-plejer magħruf Paddy Sloan, 34 sena, fejn iffirma ma' Rabat FC bħala player-coach minflok Donald MacDonald li kien telaq lura lejn pajjiżu. Sloan fil-passat tiegħu lagħab ma' Manchester United, Arsenal, Norwich, Sheffield United, Milan, Udinese, Brescia, mill-ġdid Norwich u Peterborough. Sloan kien lagħab ukoll kemm mal-Irlanda ta' Fuq (tliet darbiet u skorja gowl) u anke mar-Repubblika Irlandiża (darbtejn u skorja gowl). Huwa kien akkumpanjat f'Malta mill-mara u t-tlitt itfal.

Fil- 5 ta' Ottubru, 1954, tħabbret il-mewt ta' Carmelo Tabone, Il-Latti, li miet f'Tuneż fl-għomor ta' 59 sena. Tabone, fi żmienu kien plejer ta' St. George's FC fejn kien beda jilgħab magħhom, fl-1911, fl-età ta' 16-il sena. Fl-1922, flimkien ma' Masu Hicks, Carmelo Xuereb u Salvu Sant 'Ta' Jongħos' huma kienu emigraw lejn Tuneż fejn iffurmaw tim tal-futbol – Melita FC. Huma kollha rritornaw lura f'Malta ħlief għal Tabone li reġa' telaq lejnTuneż fejn, fl-1924, iżżewweġ Tuneżina u baqa' jgħix hemmhekk.

Fid-9 ta' Ottubru, 1954, tħabbret il-mewt ta' Johnnie Edwards 'Il-Bovju' fl-età ta' 44 sena. Fil-karriera tiegħu bejn, l-1932 u l-1947, Edwards lagħab ma' Hibernians, St.George's, Sliema Wanderers, Naxxar Lions u mill-ġdid Sliema Wanderers fejn magħhom għalaq il-karriera tiegħu, fl-1946-47. Fiż-żmien li għamel ma' St. George's huwa kien l-iktar plejer imħallas tal-futbol Malti meta kien jieħu £12 fix-xahar. Johnnie Edwards, li jiġi ħu l-gowlkiper Harry Edwards 'Il-Busuni', kien intgħażel sitt darbiet mal-MFA XI – it-tim nazzjonali Malti ta' dawk iż-żminijiet u anke ħu George Edwards gowlkiper ieħor ta' qabel l-Ewwel Gwerra.

Il-player Frans Zarb ta' St. George's ġie sospiż sena wara li nstab ħati mill-MFA li ffirma kemm ma' St. George's kif ukoll ma' Little Rainbows FC. Kienu St. George's li rraportaw il-każ lill-MFA wara li ndunaw li Zarb kien se jitlaq mal-klabb ta' Ħal Tarxien.

# Mill-2008 aktar minn 390,000 vettura għamlet użu miċ-Ċentri għall-Iskart Goff.

Iċ-Ċentri għall-Iskart Goff (Civic Amenity Sites), li huma faċilitajiet ikkreati minn WasteServ Malta Ltd. għas-separazzjoni ta' skart domestiku goff, għadhom kif laħqu mira importanti. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2010, aktar minn 390,000 vettura kienet għamlet użu minn dawn iċ-Ċentri, b'madwar 58,500 tunnellata ta' skart separat miġbur.




**"Nirringrazzjawk talli qed tipproteġi l-ambjent."**

Dawn iċ-Ċentri għal skart goff huma faċilitajiet ikkontrollati fejn membri tal-pubbliku jistgħu iġibu u jarmu l-iskart domestiku tagħhom b'mod separat. Il-pubbliku jista' jidħol bil-vettura u jarmi materjal differenti li jikludi skart elettroniku, għamara, skart tal-ġnien, kartun, mediċni skaduti, żjut u ħafna tipi ta' skart ieħor.

Dawn iċ-Ċentri jinsabu l-Imrieħel, Ħal Far, il-Magħtab u tal-Kus fix-Xewkija Għawdex u jkunu miftuħa bejn is-7.30 a.m. u 5.30 p.m. kuljum inklużi l-weekends u l-festi.

WasteServ Malta Ltd

**Aktar informazzjoni fuq**
**www.wasteservmalta.com**
**jew FREEPHONE 8007 2200**

REPUBBLIKA TA' MALTA

PROGRAMM TA' FONDI STRUTTURALI GĦAL MALTA 2004-2006
PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA
FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI
RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 73%

# Exercise is health

by Dr. Kirill Micallef Stafrace
Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science












Following the recent reports that the Maltese are among the most physically inactive Europeans and also the alarming local obesity figures, one can only wonder what the health status of our country will be in the forthcoming decades. It is no secret the important role regular physical activity has in preserving, if not improving our health, but unlike what the media often projects, this is not only limited to matters of body weight.

Heart disease and stroke are among the leading causes of death and morbidity in the world. Regular exercise can put you at a lower risk for these diseases and with the other beneficial effect on blood pressure and blood lipid levels, the risk can be reduced even further. The incidence, severity and management of type 2 diabetes are also positively influenced by regular exercise. Rates of the common cancers of the colon, breast and prostate are lower in people who exercise regularly compared to those that are not physically active and newer studies are showing this link to be present among other cancers too.

With an aging population the incidence of osteoporosis and osteopenia increases. In combination with the risk in falls among the elderly , one encounters an increased fracture rate with the resultant morbidity. Exercise is one of the proven methods of strengthening bone, even among the elderly, and with it comes the adjunct of stronger muscles and better balance, and hence , less falls.

Often forgotten, but definitely vital, is the positive effect regular exercise has on the moods and mental health of individuals. This can vary from the feel-good factor ,the 'runner's high', many experience through exercise, to the more clinical use of exercise in the management of mental diseases such as depression.

But how much exercise is enough? The American College of Sports Medicine (ACSM) and the American Heart Association (AHA) recommend the following:

*Do moderately intense cardio 30 minutes a day, five days a week*
*Or*
*Do vigorously intense cardio 20 minutes a day, 3 days a week*
*And*
*Do eight to 10 strength-training exercises, eight to 12 repetitions of each exercise twice a week.*

Moderate intensity implies you break into a sweat and raise your heart rate, yet you are still capable of holding brief conversations. One must point out that these are recommendations. Every exercise programme should be individualized since we all have our own health and fitness goals and the exercise program should reflect these.

The bottom line is that the health benefits of regular exercise far outweigh the associated risks. The latter can be reduced further if an appropriate medical examination is undertaken before the start of a new exercise programme and the whole regimen is supervised by a qualified exercise or sport professional.

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1980-1989) ... Is-Sitt Parti

Kif kien mistenni dan ir-regolament qajjem diżgwid kbir fost il-qaddiefa, b'mod speċjali minn dawk li kienu ilhom snin jaqdfu fi tliet tiġrijiet. Kienet kwistjoni taħraq ħafna li qanqlet ħafna argumenti sħan bejn dawn il-qaddiefa u l-membri tal-Assoċjazzjoni tar-Regatta. Għalilhom, din id-deċiżjoni kienet inġusta ħafna! Partitarju Kalkariż ikkummenta hekk dwar din il-kwistjoni: *'... niftakar li l-maġġoranza tal-qaddiefa ma qablux ma' dan ir-regolament u saħansitra kien hemm min daħal il-qorti għax ħass li b'dan ir-regolament, il-kumitat tar-Regatta kien qed iżommu milli jkompli jagħti sehem sħiħ lil pajjiżu ... jien ma nafx eżatt x'kienet iddeċidiet il-qorti iżda naf biss li ma' Bormla, l-Isla u l-Marsa kien hemm diversi qaddiefa li fil-passat qadfu fi tliet koros differenti bl-approvazzjoni tal-kumitat tal-klabb...'*

Qabel inkompli, tajjeb li wieħed ifakkar ukoll li t-tiġrija tad-dgħajjes li kienet saret f'Dockyard Creek, fl-1 ta' Mejju, 1988, kienet ġiet organizzata mill-Għaqda tar-Regatta peress li, fil-31 ta' Marzu, ta' dik is-sena ma kinux saru tiġrijiet tad-dgħajjes li jsiru f'Jum il-Ħelsien.

Kif nafu, kull organizzazzjoni sportiva għandha l-istatut tagħha fuqhiex titmexxa. Minn żmien għal żmien, kull statut jiġi emendat b'għadd ta' regolamenti ġodda li fiċ-ċirkostanzi taż-żmien ikunu jagħmlu aktar sens u li permezz tagħhom ikun se jsir titjib sostanzjali fl-organizzazzjoni nnifsha jew fit-tmexxija tagħha. Kif wieħed jistenna l-osservanza tar-regolamenti f'kull organizzazzjoni sportiva hi importanti ħafna kemm biex titmexxa tajjeb kif ukoll biex finalment jinkiseb is-suċċess mixtieq. Maż-żmien, fl-istatut tar-Regatta Nazzjonali żdiedu regolamenti ġodda bil-għan li jitnaqqsu l problemi li ta' spiss jinqalgħu waqt l andament u tmiem kull tiġrija ssir aktar sportiva kif ukoll biex din it-tradizzjoni terġa' tikseb mill-ġdid il-popolarità kbira li kienet tgawdi mal-poplu tagħna fl-imgħoddi.

Inkomplu – jekk tradizzjonalment fit-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra l-qaddiefa kienu jqisu r-rebħ tal-palju bħala l-akbar unur li huma setgħu jiksbu għal pajjiżhom fit-Tiġrija tal-Vitorja, mal-introduzzjoni ta' l-Aggregate Shield fl-1955, l-istorja ħadet xejra oħra. Ovvjament, ir-rebħ tal-palju baqa' meqjus bħala l-għan ewlieni ta' kull ekwipaġġ, iżda kollettivament, il-qaddiefa ta' kull distrett parteċipant iqisu x-Shield tal-Fidda bħala l-aqwa u l-akbar unur ta' kull Regatta, li kif nafu tintrebaħ minn dak id-distrett li matul il-ħames korsi tradizzjonali jikseb l-akbar għadd ta' punti. Sa issa, mill-1955 sal-2010, it-Tiġrija tal-Vitorja dejjem kellha rebbieħ wieħed, iżda ma nistax ngħid l-istess għat-Tiġrija ta' Jum il-Ħelsien, fejn insibu edizzjonijiet b'żewġ distretti spiċċaw b'punti ndaqs u ddikjarati uffiċjalment rebbieħa tax-Shield.

Meta aċċennajt għall-qawwa tad-distrett, għedt li Bormla ddominaw dawn it-tiġrijiet fis-snin 70 u 80, b'diversi rebħiet konvinċenti. Kienu snin ta' glorja u suċċessi kbar għad-distrett ċelesti, fejn il-qaddiefa tiegħu rnexxielhom iwaqqfu rekord ta' 6 rebħiet konsekuttivi tax-Shield - rekord li ġie mwaqqaf mill-Birgu, fl-1984, – distrett, li matul l-istess perijodu ta' snin kien armat b'ekwipaġġi li fl-istorja tagħhom dejjem kienu avversarji ħorox tal-Bormliżi fil-koros tad-dgħajjes tal-Midalji u f'tal-Pass b'Erbat Imqadef.

Dilettant Bormliż ikkummenta hekk dwar ir-rebħa mhux mistennija tal-Birgu fuq id-distrett tiegħu: *'... fil-fehma tiegħi, il-Birgu rebaħ ix-Shield meta ma kellux jirbaħha u tilef x-Shield meta kellu jirbaħha... fil-fatt aħna aħjar minnhom għax erġajna rbaħna x-Shield fl-1985 u l-1986...'*. Qaddief mill-Birgu sostna li pajjiżu seta' mar aħjar fir-Regatta: *'... aħna dejjem konna armati tajjeb u kien hemm snin fejn aħna konna l-aħjar distrett fil-kanal, iżda dejjem konna sfortunati ... fil-bidu tas-snin 80 kellna tim tajjeb ta' qaddiefa u stajna rbaħna x-Shield mhux biss fl-1984 iżda qabel u wara wkoll ... magħna kellna qaddiefa ta' klassi, iżda meta kellna bżonnhom ma sibnihomx għax marru ma' distretti oħra ... fejn marru huma ntrebħet ix-Shield ...'*

Fl-1987, ix-Shield intrebħet mill-ġdid mill-Marsa għar-raba' darba fl-istorja tal-klabb tagħhom wara għaxar snin: Qaddief Marsi kkummenta hekk dwar din ir-rebħa: *'... l-argumenti u l-paroli żejda dejjem kienu kawża ta' diżgwid kbir fost il-qaddiefa u l-membri tal-kumitat tagħna ... hekk ġralna aħna fl-1978 ... sfrattajna u xi wħud mill-qaddiefa tagħna marru ma' distretti oħra ... din is-sena għax kien hemm rieda tajba mill-qaddiefa kollha u tmexxija għaqlija mill-kumitat Marsi erġajna rbaħna x-Shield ... nittama li nibqgħu magħqudin kif aħna din is-sena biex sena oħra nerġgħu nirbħuha mill-ġdid...'*

Fl-1989, ix-Shield intrebħet mill-



*Il-Ponta tal-Isla f'nhar it-Tiġrija tal-Vitorja fis-snin 80*

minn Joseph Serracino





*Il-partitarji Vittoriosani fost briju u ferħ kbir jiċċelebraw ir-rebħ tax-Shield tar-Regatta tal-Vitorja fl-1984*

Isla wara 23 sena b'tim ta' qaddiefa żgħażagħ li kienu ilhom snin jitħarrġu flimkien. Membru tal-kumitat, fost ferħ kbir ikkummenta hekk dwar din ir-rebħa storika li skond hu kienu ilhom snin jistennuha: '... *bir-raġun għandna biex nifirħu ... ilna ma nirbħu x-Shield 23 sena, u minkejja kien hemm xi edizzjonijiet li konna viċin ħafna li nirbħuha, qatt ma rnexxielna ... il-qaddiefa tagħna ilhom jittrenjaw minn Marzu u l-kumitat ħadem ħafna biex fl-aħħar, wara dawn is-snin kollna niksbu s-suċċess li ilna snin naħdmu għalih ... j'Alla, dawn il-qaddiefa jibqgħu magħna biex fis-snin li ġejjin niksbu aktar suċċessi fir-Regatta ...*'

**Korsa tad-dgħajjes tal-Midalji 'A'**

Kif kien mistenni, il-korsa tad-dgħajjes tal-Midalji baqgħet tiġi missielta b'rivalità ħarxa, l-aktar fost id-distretti tal-Kottonera. Peress li din il-korsa tiftaħ kull edizzjoni tar-Regatta u mat-tir tat-tluq tagħha tibda l-ġlieda eterna fost id-distretti parteċipanti għar-rebħ tax-Shield, kull distrett jieħu ħsieb jarma d-dgħajjes tiegħu bl-aħjar qaddiefa li jkollu. Maż-żmien daħlet id-drawwa, li l-ekwipaġġ li jaqdef f'tal-Midalji jipparteċipa wkoll fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa, u rari ħafna li jkun hemm xi bdil ta' xi qaddiefa. Bla dubju ta' xejn, matul is-snin 80, id-distretti ta' Bormla, il-Birgu u l-Isla kienu meqjusin bħala l-aqwa klabbs f'din il-korsa, bl-ekwipaġġi tagħhom jiddominaw ir-rebħ tal-paljijiet tagħha b'dak ta' Marsamxett/Valletta jirbaħ dan l-unur, fl-1982. Ironikament, waqt li l-Marsa daqu wkoll xi suċċessi fiha fl-aħħar snin ta' din l-epoka, ma nistax ngħid l-istess għal Kalkara, li minkejja dan id-distrett minn dejjem kellu ekwipaġġi ta' ċertu kalibru, qatt ma rnexxielu jikseb is-suċċess li jistħoqqlu fiha.

Issa nibdew biex flimkien naraw liema distretti rebħu dan il-palju. Is-snin 80 fetħu b'rebħa konvinċenti mill-ekwipaġġ Bormliż li kien ifformat mill-qaddiefa Manuel Gerada, Cikku Azzopardi, Mario Azzopardi u Ġużi Fava. Kienet tiġrija sabiħa u missielta sa l-aħħar qadfa bejn l-ekwipaġġi ta' Bormla u l-Birgu. Silta meħuda minn rapport sportiv tkellimna dwar l-andament ta' din it-tiġrija: '... il-Bormliżi bdew dan is-suċċess tagħhom, bla dubju, l-aktar wieħed minn kemm ilha tingħata x-Shield billi rebħu t-tiġrija tal-Midalji li tingħata importanza kbira dwar il-prospetti tar-rebħ tax-Shield. F'din it-tiġrija li ħadu sehem fiha 10 dgħajjes, kienet interessanti ħafna biż-żewġ dgħajjes tal-Birgu jissieltu għall-ewwel post mad-dgħajsa ta' Bormla. Fil-fatt, il-Bormliżi spiċċaw rebbieħa biż-żewġ dgħajjes tal-Birgu jidħlu warajhom ...' Silta oħra tgħidilna kemm din il-korsa kienet akkanita: '... *il-Bormliżi kellhom jissieltu bl-aħrax ma' waħda mid-dgħajjes tal-Birgu, tant li mat-tmiem il-korsa, ħadd mill-ispettaturi ma kien jaf min rebaħha. Fil-fatt il-ġurija kellha tara l-photo finish qabel ħabbret ir-rebbieħ ta' din il-korsa...*'

Fl-1981 dan il-palju għadda għand il-Birgu bl-ekwipaġġ ifformat minn M Grixti, Joe Camilleri, Joseph Cachia u Vince Farrugia. Din it-tiġrija kienet tiġrija kkumbattuta ħafna bejn il-Birgu li żanżnu dgħajsa ġdida (Ġawhra) u Bormla kif se naqraw f'din is-silta sportiva: '... *l-ewwel tiġrija li kienet tgħodd għar-rebħ tax-Shield kienet dik tal-Midalji (Fancy Boats). Sa mill-bidu tagħha l-qaddiefa tal-Birgu taw indikazzjoni li kienu determinati li jfarrku d-dominanza Bormliża u ħadu vantaġġ mill-ewwel – vantaġġ li żammew faċilment sal-aħħar biex spiċċaw l-ewwel u kisbu 20 punt ... fiż-żewġ postijiet l-oħra daħlu l-Isla (12-il punt ) u Bormla (sitt punti) ...*'

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss*



*Taqtiegħa ħarxa bejn l-ekwipaġġi tad-dgħajjes tal-Midalji ta' l-Isla ftit metri 'l bogħod minn tmiem il-korsa fl-1989*

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Liverpool

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2011.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Liverpool ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 49



**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 49 huwa:**

**Michael Micallef - Gzira**



IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# SPORTIV Kriss-Kross

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2011

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Kriss-Kross, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 49

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | S | C | H | I | A | V | O | N | E | | | S | L | A | M |
| | | L | ■ | R | | I | | E | | J | O | E | ■ | S | |
| | C | A | F | U | | G | | A | | A | ■ | N | E | M | O |
| | | Y | ■ | R | | O | R | L | A | N | D | O | | | R |
| L | A | T | T | E | S | | E | | | O | ■ | N | | | S |
| | | O | ■ | T | | | B | | | S | P | E | E | D | |
| D | U | N | D | A | | N | E | R | I | | | R | ■ | H | |
| A | | | E | | Z | ■ | C | | | S | | | M | A | B |
| K | A | R | L | | L | U | C | A | | T | | F | ■ | B | |
| A | | | I | | A | ■ | A | | P | E | L | L | O | I | S |
| R | E | G | A | T | T | A | | | | V | | E | | | A |
| | | W | | | A | ■ | B | A | L | E | | R | Y | A | N |
| W | T | A | | I | N | N | U | ■ | I | | | I | | | T |
| E | ■ | N | | S | | | T | O | N | N | A | | P | I | O |
| S | E | N | N | A | | | T | | O | | R | | A | | S |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 49 ta' April 2011 hija: Natasha Turner - San Gwann

**MIMDUDIN**

2) Andrea, ivvutat l-aqwa plejer fis-Six Nations tar-Rugby 2011 (4)
4) Davina, għawwiema Maltija fil-100 u 200 Metru Butterfly (7)
8) Kurt jew …. Dowling tal-Waterpolo (4)
11) New York ….., tim Amerikan tal-Baseball mill-1901 (7)
12) Saidi, gowlkiper Tuneżin ta' Floriana FC (5)
14) Gary ……., qatt ma qala' karta ħamra jew safra (7)
16) Gilbert, aktar minn 525 għal Valletta FC u Malta (5)
18) British American Racing, eks tim tal-Formula Wieħed (1,1,1)
19) Amos, il-Kenjan rebbieħ tal-maratona f'4 kontinenti (5)
22) Borg, beda li sport tal-Ibburdjar ta' 7 snin (5)
23) Mario, bodybuilder internazzjonali Malti (4)
25) Il-laqam ta' Dejan Stankovic tal-Inter (4)
26) Attakkant Brażiljan ta' Schalke 04 (3)
28) Manuel, gowlkiper ta' Schalke 04 (5)
30) Schembri, midfielder offensiv ta' Ferencvaros FC (5)
31) Il Mascot tal Copa America 2011 tal Futbol (4)
33) Il-futboler Arġentin li ġie mgħajjar 'annimal' fl-1966 (6)
36) Diario .., ġurnal sportiv Spanjol ta' kuljum (2)
37) Sandro, eks gowlkiper Malti tal-Waterpolo (5)
40) Il-familja ….. m'għadhiex fil-kmand assolut ta' AS Roma (5)
42) Set fit-Tennis, Frame fis-Snooker u …. fil-Judo (4)
43) "Life is …..", żiemel Irlandiż ta' 6 snin (3)

**WEQFIN**

1) Chetcuti, deheb fid-Double Trap fiċ-Ċina (7)
3) Davor, 69 partita u 45 gowl għal Kroazja (5)
5) Fernando "El …." Torres (4)
6) International Association of Athletics Federations (1,1,1,1)
7) Camp …., il-home ground ta' FC Barcelona (3)
9) Mason, player tar-Rugby 'Ingliż' fl-iskwadra Maltija (4)
10) Johnson, l-eks sprinter Kanadiż imwieled il-Ġamajka (3)
12) Chris, ftit ilu rreffja wkoll fil-Futbol Skoċċiż (7)
13) Gatt jew Chetcuti, it-tnejn Kickboxers Maltin (5)
15) Hellmut, irrefja l-finali tal-UCL 1998 bejn Real u Juve (4)
17) Lionel Messi, il-'…..' attwali fil-Futbol mondjali (5)
20) "…... Yamato', klabb Malti tal-Arti Marzjali (6)
21) Il-'hot' ta' Londra, Pietà jew Victoria Għawdex (5)
22) Paul, eks-referi Malti tal-Futbol (6)
24) Galea, Segretarju Ġenerali tal-European Judu Union (5)
25 Richards, eks futboler Ingliż ta' 36 sena li miet m'ilux (4)
27) Camilleri, referi internazzjonlai Malti tas-Snooker (5)
29) Barry, 160 partita fil-lasti ta' Sliema W. u 23 f'ta' Malta (6)
32) Isem li sprinter Ġamajkan imlaqqam "Lightning Bolt" (5)
34) Tim fil-kampjonat Malti tal-Bowling, aktar minn 'fin' (4)
35) Martin, l-eks kowċ Olandiż ta' Tottenham Hotspurs (3)
38) Ibrahim, eks futboler Franċiż imwieled is-Senegal (2)
39) u 41) Joachim, kowċ tal-Germanja tal-Futbol mill-2006 (4)
41) ara 39 weqfin


YOU'VE GOT
THE POWER.
WE'VE GOT THE REST.
VISIT US NOW.
lemeridienmalta.com/fitness-gym-malta
or call 2311 2861.
Le Méridien
Lotus Fitness Center
LE MERIDIEN ST. JULIANS
HOTEL + SPA
39, MAIN STREET, BALLUTA BAY ST JULIANS STJ 1017
T: +356 2311 0000
sales.malta@lemeridien.com
lemeridienmalta.com
Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA
N 55° 35′ E 30° 14′


Reetrain
REEBOK FITNESS EQUIPMENT
NOW AT
EuroSport
€25 worth of
FREE
vouchers!
Collect your free vouchers
from any of our stores
TERMS AND CONDITIONS APPLY.
Reebok
TREADMILL
Starting from €699
CROSS TRAINER.
Starting from €399
BIKE.
Starting from €329
YOGA MAT.
Starting from €18.99
GYM BALL.
Starting from €20
CARDIO BELL.
Starting from €23.99
REEBOK HAVE COMBINED THE LATEST IN TECHNOLOGY AND DESIGN TO CREATE A RANGE OF PRODUCTS THAT WILL SUIT ALL YOUR NEEDS. FITNESS IS OUR PASSION – MAKE IT YOURS!
STUDENT SMART CARD ACCEPTED
Available at:
EUROSPORT STORES: BIRKIRKARA / DE TIGNE COMPLEX, SLIEMA (NEXT TO NAZARENE CHURCH)
FOR ENQUIRIES CONTACT MR. MARK ZAMMIT ON 2385 9259 / 9942 0673
Reebokfitness
OPERATED BY
EuroSport